# KUMMISSJONI DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA

**Rapport Annwali**

**Marzu 2007 – Frar 2008**

# Werrej


| | | Page |
|---|---|---|
| **Messaġġ – Ministru għall-Politika Soċjali** | | **7** |
| **Daħla –** ***Chairperson*** | | **8** |
| **1.** | **Introduzzjoni** | **9** |
| **2.** | **Definizzjoni** | **9** |
| **3.** | **Twaqqif tal-Kummissjoni** | **9** |
| **4.** | **Funzjonijiet** | **9** |
| **5.** | **Kompożizzjoni tal-Kummissjoni** | **10** |
| **6.** | **Uffiċċju tal-Kummissjoni** | **11** |
| **7.** | **Laqgħat tal-Kummissjoni** | **11** |
| **8.** | **Finanzi** | **11** |
| **9.** | **Attivitajiet** | **12** |
| **10.** | **Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Vjolenza Domestika** | **14** |
| **11.** | **Tkabbir tal-konoxxenza** | **17** |
| 11.1 | Tkabbir tal-Konoxxenza u Kollaborazzjoni: Professjonisti u Entitajiet Oħra Relattati | **17** |
| 11.1.1 | Preżentazzjonijiet | **21** |
| 11.1.2 | Kommunikazzjoni mal-Ġudikatura | **21** |
| 11.2 | Tkabbir tal-konoxxenza: Iċ-ċittadini | **21** |
| 11.3 | *Website* | **22** |
| 11.4 | Logo | **22** |

**12. Żvilupp tas-Servizzi u tal-Linji ta' Politika** **22**

12.1 Laqgħat ma' L-Agenzija Msemmija responsabbli għall-organizzazzjonijiet ta' programmi ta' prevenzjoni, terapija u/jew ta' kura għall-vittmi u awturi ta' vjolenza domestika **22**

12.2 Żjarat ta' familjarizzazzjoni fix-Xelters **23**

12.3 Parteċipazzjoni fil-Kumpilazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali **24**

12.4 Laqgħa ma' l-Eċċellenza Tiegħu Mgr Pawlu Cremona, Arċisqof ta' Malta **24**

12.5 Kuntatt mal-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-Vjolenza Domestika **25**

12.6 Kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar linji gwida għall-Pulizija fuq kif għandhom jiġu ttrattati r-rapporti dwar il-vjolenza domestika **25**

**13. Proġetti ta' UE u Internazzjonali** **25**

13.1 Fondi Soċjali Ewropew **25**

13.2 Programm Daphne III, 2007-2013 **26**

13.3 Grundtvig 3 **26**

13.4 Il-Kampanja tal-Kunsill ta' l-Ewropa **27**

13.4.1 Konferenza għal *Focal Points* Nazzjonali u Parlamentari rappreżentativi **27**

13.4.2 Konferenza dwar il-Ġbir ta' Informazzjoni bħala prerekwiżit għal linji ta' politika effettivi għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika **27**

13.4.3 Konferenza dwar is-Servizzi ta' Sostenn Lin-Nisa Vittmi ta' Vjolenza **27**

13.4.4 Rapport għall-Kunsill ta' Ewropa **27**

13.4.5 Rapprezentant parliamentari għall-Kampanja tal-Kunsill ta' Ewropa **27**

13.5 Kwestjonarju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-riżoluzzjoni CCPCJ ECOSOC fuq it-Tweġibiet għall-vjolenza fuq in-nisa 2006/29 **28**

13.6 Kwestjonarju ta' l-Għaqda Dinija tas-Saħħa **28**

13.7 Kwestjonarji tal-Kunsill ta' l-Ewropa **28**

13.7.1 Il-kwestjonarju 'Riviżjoni u osservazzjonijiet ta' Sruttura dwar l-Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni Rec(2002)5 fuq il-Protezzjoni tanNisa kontra l-Vjolenza' **28**

13.7.2 Kwestjonarju dwar 'Parlamenti magħquda fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika fuw in-nisa': azzjonijiet meħuda fir-rigward tar-Riżoluzzjoni 1582 (2007) **28**

**14. Riċerka u Statistika** **28**

**15. Konklużjoni** **29**

# Appendiċi

**Appendiċi A**

**Rapport Finanzjarju** 33

**Appendiċi B**

**SottoKumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi – Funzjonijiet** 35

**Rapport Annwali** 37

**Appendiċi Ċ**

**Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-*Data* – Funzjonijiet** 41

**Rapport Annwali** 43

**Appendiċi D**

**Sottokumitat għal Kampanja Nazzjonali ta' Għarfien – Rapport Annwali** 47



# Messaġġ

Sa mit-twaqqif tagħha il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domesika wriet il-ħeġġa u l-entużjażmu fix-xogħol li qed tagħmel f'dan il-qasam tant delikat. Bl-għajnuna ta' nies professjonali f'dan il-qasam u l-impenn tal-Gvern li minn dejjem emmen f'Kummissjoni simili din il-Kummisjoni qed tagħti r-riżultati meħtieġa.

Il-Gvern direttament għen u se jkompli jgħin inizjattiva bħal din li tolqot direttament is-soċjeta' tagħna. Ilkoll naqblu li għadna niġġieldu l-vjolenza domestika primarjament billi noħorġuha fil-beraħ u dan il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika qed tagħmlu permezz ta' kampanji edukattivi kontinwi u tixrid ta' informazzjoni lill-pubbliku. Din il-Kummissjoni qegħda kontinwament ukoll timbarka fuq proġetti għar-riċerka u tidentifika proġetti għal aktar taħriġ ta' professjonisti f'dan il-qasam.

F'dawn l-aħħar xhur il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika waqqfet żewġ sotto kumitati li jkomplu jsaħħu l-preżenza tagħha fis-soċjeta' tagħna u l-għajnuna li din tagħti lill-vittmi ta' vjolenza domestika.

Il-ħeġġa ta' din il-Kummissjoni tidher mhux biss fil-laqgħat interni tagħha iżda ukoll fis-seminars u l-laqgħat pubbliċi li l-membri fi ħdanha jattendu. Il-preżenza soċjali tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domesika tkompli tissaħħaħ bil-kampanji kontinwi li din tagħmel sabiex teduka lill-pubbliku dwar din ir-realta' soċjali. Dan qed isir anke b'kampanji intensivi fuq il-mezzi tax-xandir.

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domesika hi wkoll impenjata li tagħmel proposti biex tkun aġġornata l-liġi preżenti sabiex il-vittma ta' din il-vjolenza tkun aktar protetta.

Matul is-sena li għaddiet il-Kummissjoni kompliet testendi l-ħidma tagħha u l-membri fi ħdanha żaru ċ-ċentri li jospitaw il-vittmi ta' vjolenza domestika, bil-għan li tiffamiljarizza mas-servizzi offruti f'dawn iċ-ċentri.

Il-Gvern sa mit-twaqqif tal-Kummissjoni wera' impenn li jappoġġja l-ħtiġijiet tagħha.

**L-Onor John Dalli**
Ministru għall-Politika Soċjali



## Daħla

Huwa l-pjaċir tiegħi li qed nippreżenta r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika għall-perjodu 2007/8. Dan qed ngħidu għaliex nemmen illi r-rapport huwa turija ta' l-ammont kbir ta' xogħol li sar mill-Kummissjoni. Madankollu, wieħed irid jgħid li ħafna mix-xogħol li ħadilna ħafna mill-ħin u mill-enerġija tagħna huwa xogħol li ma jidhirx. In-numru ta' emails, telefonati, eċċ. ma jistgħux jiġu kkwantifikati, u li jidher fir-rapport huma biss xi żewġ linji li juru l-konklużjoni ta' dan ix-xogħol. Minkejja dan kollu, dak li attwalment jidher fir-rapport huwa diġà fih innifsu impressjonanti. Għal dan kollu nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kummissjoni, inkluża s-segretarja, u ċ-*Chairpersons* u l-membri tas-sottokumitati. Mingħajr il-kontribut tagħhom dan ix-xogħol kollu ma kienx ikun possibbli. Ħafna minna dan għamluħ b'sagrifiċċju personali, billi ddedikajna l-ħin tagħna għax-xogħol tal-Kummissjoni li bi dritt kellu jkun iddedikat għall-familji u għall-ħajja personali tagħna.

Jien ninsab konxja wkoll li ċerti affarijiet li konna ttamajna li jitlestew sa l-aħħar ta' din is-sena għadhom fil-fatt pendenti. Xi kultant dan jaf jaqtagħlek qalbek. Madankollu, nistgħu sinċerament ngħidu li dan ma kienx ir-riżultat ta' nuqqas ta' rieda min-naħa tagħna. Kif in-nies dejjem ifakkruni, xi affarijiet jieħdu ż-żmien, anki jekk aħna nħossu li jkunu urġenti u importanti. Għalhekk, jien nispera li fir-rapport tas-sena li ġejja nkun nista' nirrapporta li dan ix-xogħol pendenti jkun tlesta.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem sabiex ittejjeb il-ħajja ta' dawk il-persuni fis-soċjetà tagħna li qed jgħaddu mill-esperjenza tal-pjaga tal-vjolenza domestika, kif ukoll sabiex ma tħallix lil ħaddieħor isib ruħu maqbud fiha. F'din il-ħidma hemm ħafna nies li jaħdmu id f'id, entitajiet li jipprovdu s-servizzi, *pressure groups* u oħrajn, li kollha kemm huma jagħtu l-kontribut tagħhom b'impenn u b'dedikazzjoni kbira. Nixtieq nirringrazzja lilhom ukoll. Flimkien inkunu aktar b'saħħitna u flimkien jirnexxilna nġibu l-bidla.

**Dr Marceline Naudi**
*Chairperson*

# 1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika ġiet stabbilita bl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika, Kapitlu 481 fl-1 ta' Marzu 2006[1]. Ir-rwol ewlieni tal-Kummissjoni huwa dak li tagħti parir lill-Ministru responsabbli għall-politika soċjali fuq kull aspett tal-Vjolenza Domestika.

# 2. Definizzjoni

Fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika, **'vjolenza domestika',** hija imfissra bħala kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi wkoll kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.

# 3. Twaqqif tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni twaqqfet uffiċjalment mill-Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, l-Onorevoli Dolores Cristina, il-Ħamis 30 ta' Marzu 2006 u għalhekk issa ilha sentejn mwaqqfa.

# 4. Funzjonijiet

Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika huma stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' l-imsemmi Att Dwar il-Vjolenza Domestika, kif indikat hawn taħt.

"Il-Kummissjoni għandu jkollha l-funzjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kull aspett tal-vjolenza domestika u b'mod partikolari fuq:

(*a*) it-tkabbir tal-konoxxenza u l-għarfien tal-vjolenza domestika u dwar il-fastidju u l-konsegwenzi li dawn iġibu u fuq il-modi u l-miżuri biex jitnaqqas l-għemil tagħhom;

(*b*) oqsma ta' vjolenza domestika li hu meħtieġ jew mixtieq li ssir riċerka fuqhom;

(*c*) l-istrateġiji biex tiġi esposta l-vjolenza domestika u biex jiġi ffaċilitat l-intervent ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati fir-rigward ta' vittmi u awturi ta' vjolenza bħal dik;

(*d*) l-edukazzjoni tal-pubbliku fuq l-aspetti kollha tal-vjolenza domestika;

(*e*) il-modi kif tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati li jkunu involuti fit-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza domestika;

(*f*) *standards* għal faċilitajiet ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi jew faċilitajiet ta' kenn pubbliċi jew privati;

(*g*) *standards* u protokolli għall-operaturi;

---

[1] Jista' jkun hemm aċċess għal-Liġi fuq www.domestiviolence.gov.mt

(*h*) il-proċeduri għall-koordinament effettiv f'livell nazzjonali ta' l-attivitajiet ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati mqabbdin fl-għoti ta' servizzi dwar materji ta' vjolenza domestika inklużi servizzi ta' sostenn;
(*i*) pjan komprensiv u koordinat għall-ġbir ta' informazzjoni dwar vjolenza domestika biex din tintuża mill-qrati, prosekuturi, uffiċjali għall-infurzar tal-liġi, operaturi tal-kura fis-saħħa, operaturi soċjali u aġenziji u entitajiet oħra b'mod li tiġi protetta l-identità tal-vittmi ta' vjolenza domestika;
(*j*) l-iżvilupp ta' pjan komprensiv għal programm multidixxiplinarju ta' prevenzjoni attiva u ta' intervent kmieni;
(*k*) it-taħriġ speċjalizzat għall-gruppi professjonali involuti; u
(*l*) il-konsultazzjoni li ssir u nisġa ta' komunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti oħra."

## 5. Kompożizzjoni tal-Kummissjoni

Fil-bidu tat-twaqqif tagħha, il-Kummissjoni kienet komposta minn *chairperson* u seba' membri, li kollha kemm huma ġabu magħhom kompetenzi speċifiċi rilevanti li għandhom x'jaqsmu mal-vjolenza domestika, u kienet tinkludi wkoll membru minn Għawdex sabiex ikun żgurat li tiġi indirizzata l-qagħda speċifika t'Għawdex. Il-kapaċitajiet differenti tal-membri kienu jvarjaw minn esperjenza diretta f'dan il-kamp, żvilupp tal-politika, provediment tas-servizzi, ippjanar u riċerka.

Il-membri li jidhru hawn taħt, iffurmaw il-Kummissjoni għal din is-sena:

***Chairperson***
Dr Marceline Naudi Ph.D(Manchester), M.A.(Bradford), B.A.

**Membri**
Is-Sinj Maria Attard M.A.T.C.
Is-Sur Albert Bell BA (Gen.), BA (Hons.), MA
Spett Louise Calleja Dip in Mngt. Studies, (Reading an MBA)
Sr Joan Garner RGS. MQR.
Dr Roberta Lepre' Camilleri B.A., LL.D
Is-Sur Cornelius Mulvaney Dip.Family Therapy (UK); CQSW (UK)

Preżentament il-Kummissjoni għandha membru inqas minn meta ġiet kostitwita oriġinarjament.

Il-Kummissjoni hija wkoll megħjuna mis-Sinj Doris Vassallo, DPA, li twettaq il-funzjoni ta' Segretarja tal-Kummissjoni.

## 6. Uffiċċju tal-Kummissjoni

F'April 2007 il-Kummissjoni ingħatat uffiċċju fi Blokk C, Beltissebħ, Floriana. L-uffiċċju jikkonsisti f'żewġt ikmamar, waħda minnhom biex tintuża bħala uffiċċju ġenerali, u l-oħra bħala librerija li eventwalment se tkun miftuħa b'appuntament għall-pubbliku, għal skopijiet ta' referenza. Kemm ilu li ġiet allokata dan l-uffiċċju, il-Kummissjoni qed taħdem biex tħejji l-uffiċċju skond il-ħtieġa. Qegħdin ukoll jinġabru kotba u dokumenti rilevanti għal-Librerija. Hekk kif ix-xogħol inizjali jitlesta l-Kummissjoni se tinawgura uffiċjalment l-uffiċċju tagħha.

## 7. Laqgħat tal-Kummissjoni

Bejn Marzu 2007 u Frar 2008 il-Kummissjoni ltaqgħet ħdax-il darba, kif jidher hawn taħt:

| | **Data** | **Attendenza** |
|---|---|---|
| Laqgħa Nru 3/07: | It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007 | 6/7 |
| Laqgħa Nru 4/07: | It-Tlieta, 10 ta' April 2007 | 6/7 |
| Laqgħa Nru 5/07: | It-Tlieta, 8 ta' Mejju 2007 | 5/7 |
| Laqgħa Nru 6/07: | It-Tlieta, 12 ta' Ġunju 2007 | 6/7 |
| Laqgħa Nru 7/07: | Il-Ġimgħa, 27 ta' Lulju 2007 | 6/7 |
| Laqgħa Nru 8/07: | It-Tlieta, 18 ta' Settembru 2007 | 6/7 |
| Laqgħa Nru 9/07: | L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007 | 6/7 |
| Laqgħa Nru 10/07: | L-Erbgħa, 14ta' Novembru 2007 | 5/7 |
| Laqgħa Nru 11/07: | L-Erbgħa, 5ta' Diċembru 2007 | 5/7 |
| Laqgħa Nru 1/08: | L-Erbgħa 23 ta' Jannar 2008 | 5/7 |
| Laqgħa Nru 2/08: | It-Tnejn 27 ta' Frar 2008 | 6/7 |

Kull laqgħa damet bejn sagħtejn u tliet sigħat.
Għall-bidu l-laqgħat kienu jsiru fil-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali fil-Belt Valletta, u mbagħad bdew isiru fl-uffiċċju l-ġdid tal-Kummissjoni fi Blokk C, Beltissebħ, Floriana ħlief għal laqgħa waħda li saret f'Dar Gużeppa Debono f'Għawdex.

## 8. Finanzi

F'Jannar 2007, disa' xhur mit-twaqqif tagħha, il-Kummissjoni ġiet allokata għall-ewwel darba € 23,293.73 (Lm10,000) li minnhom tħallsu l-onorarji taċ-*Chairperson* u tal-membri tal-Kummissjoni ekwivalenti għal € 2,329.37 (Lm1,000) u € 1,747.03 (Lm750) fis-sena rispettivament. Il-parti l-kbira ta' dak li kien fadal, jiġifieri ta' € 8,735.15 (Lm3,750), intużaw mill-Kummissjoni għal diversi proġetti, inkluż inizjattivi ta' promozzjoni, kontribuzzjonijiet ta' oġġetti lix-Xelters sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja

tar-residenti, u sabiex l-uffiċċju li kien għadu kemm ġie allokat lilha jiġi rranġat[2]. Il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali ta kelmtu li se jipprovdi fondi addizzjonali, kif u meta meħtieġ għal kull proġett li jkun meqjus essenzjali għall-funzjonijiet tal-Kummissjoni.

F'Jannar 2008 l-allokazzjoni tal-baġit żdiedet sostanzjalment għal €47,000 (Lm20,177.10) bħala rikonoxximent ta' l-importanza tax-xogħol li qed twettaq il-Kummissjoni.

## 9. Attivitajiet

Bejn Marzu 2007 u Frar 2008, iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Kummissjoni kienu mistiedna jattendu u jieħdu sehem f'numru ta' seminars, konferenzi u attivitajiet oħrajn, skond kif jidher hawn taħt. L-attivitajiet kollha msemmija kienu preżenti għalihom mill-inqas membru wieħed jew aktar, inkluża s-Segretarja tal-Kummissjoni. Il-parteċipazzjoni tal-membri fid-diversi seminars għenet biex il-Kummissjoni tgħolli l-profil tagħha u tenfasizza li f'Malta il-Vjolenza Domestika hi realta' soċjali. Dan kien ukoll ta' għajnuna biex tinġabar informazzjoni utli, u biex tagħmel kuntatti bil-għan li tikkoopera ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali.

- Il-Konferenza Nazzjonali dwar Fondi mill-UE bl-isem ta' *'Delivering tangible results – all the insight for the economic community'* organizzata minn Paragon Europe u li saret fil-Lukanda Corinthia nhar il-Ġimgħa 23 ta' Marzu 2007.

- Laqgħa dwar il-'Bidla għall-Ewro' li saret fil-bitħa tal-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Socjali nhar it-Tlieta 17 ta' April.

- Seminar bl-isem ta' 'Nistharrgu Aspetti Differenti mill-Familji Maltin Illum' organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali Familja fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Sta Venera nhar l-Erbgħa 18 ta' April 2007.

- Seminar bl-isem ta' *'Promotion of European Projects among NGOs and citizens'* organizzat mill-Fondazzjoni Temi Zammit li saret nhar il-Ġimgħa 20 ta' April 2007.

- Konferenza bl-isem ta' *'Equality & Disability: the way forward'* organizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Disabilità u mill-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza nhar il-Ġimgħa 20 ta' April 2007 fl-InterContinental Malta, San Ġiljan.

- Konferenza Nazzjonali bl-isem ta' '*Ensuring Quality Childcare'* organizzata mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ nhar il-Ġimgħa 27 ta' April 2007 fil-Corinthia San Ġorg, San Ġiljan.

[2] Għar-rapport finanzjarju ara appendiċi A

- Delegazzjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza Bejn is-Sessi li żaret Malta fis-7 u t-8 ta' Mejju 2007.

- Seminar dwar "Il-Ġurnata tal-Kuxjenza Dinjija kontra t-Trattament Ħażin ta' l-Anzjani" organizzat mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trattament Ħażin ta' l-Anzjani nhar l-Ħamis 28 ta' Ġunju, 2007 fir-Residenza San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa.

- Seduti ta' Informazzjoni dwar il-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 organizzati mill-Awtorità ta' Tmexxija (PPCD) nhar it-Tnejn 6 ta' Awissu 2007.

- Seduta ta' Informazzjoni dwar il-Fondi Strutturali ta' l-UE 2007-2013 organizzata mid-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm, fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali nhar il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2007.

- Sessjonijiet ta' taħriġ organizzati permezz tal-proġett MOSAIC għas-Sena ta' l-Opportunitajiet Indaqs fil-15 ta' Novembru 2007 u t-22 ta' Novembru 2007 fiċ-Ċentru Mediterran għall-Konferenzi.

- *'Think Tank – Involving Men in Gender Equality'* organizzat mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2007.

- *Round Table Seminar* fejn ġew diskussi aspetti tal-Politika Soċjali organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali Familja nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru 2007.

- *Breakfast meeting* organizzat mill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali l-Erbgħa 16 ta' Jannar 2008.

- It-Tnedija ta' Politika dwar id-Drogi nhar l-Ġimgħa 1 ta' Frar 2008 organizzata mill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

- Seminar dwar il-*'Diversity Management'* organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza flimkien ma' l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem nhar it-Tlieta 05 ta' Frar 2008 fil-Lukanda Phoenicia, il-Floriana.

- *Focus Group* dwar is-Saħħa Mentali kien organizzat nhar il-Ħamis 7 ta' Frar, 2008 mid-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

- Konferenza biex tnedi l-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' l-I*standards* Nazzjonali tal-linji ta' politika dwar il-Kura Residenzjali tat-Tfal u tal-proċeduri dwar il-Kura Mhux Residenzjali tat-Tfal organizzata mid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali l-Ġimgħa 15 ta' Frar 2008 f'Dar il-Mediterran, il-Belt Valletta.

- 'Jum il-Vittmi' organizzat mill-*Victim Support Unit* nhar l-Erbgħa 20 ta' Frar, 2008 li sar fil-Marsa.

- Ir-Raba' Konferenza Annwali ta' l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza li saret fil-Lukanda New Dolmen, Il-Qawra nhar l-Erbgħa 20 ta' Frar, 2008.

- *Focus Group* dwar il-Vjolenza Domestika kien organizzat nhar l-Erbgħa 20 ta' Frar, 2008 mid-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

Il-Kummissjoni kienet mistiedna tattendi wkoll numru ta' konferenzi u seminars oħrajn imma sfortunatament ma kinitx f'qagħda li tattendi minħabba nuqqas ta' riżorsi umani.

## 10. Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Vjolenza Domestika

### <u>Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali</u>

Kif issuġġerit fir-rapport tas-sena l-oħra l-Kummissjoni bħala s-sisien prinċipali għall-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ta' Malta għas-settur, ħadet il-*Blueprint* tal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-kampanja sabiex tiġġieled l-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika[3] [4].

Fl-introduzzjoni tal-*Blueprint* hemm diversi dikjarazzjonijiet ċari u importanti li l-Kummissjoni żammet f'moħħha:

- Il-vjolenza fuq in-nisa hija r-riżultat ta' żbilanċ ta' poter bejn in-nisa u l-irġiel, li jwassal għal diskriminazzjoni serja kontra n-nisa, kemm fi ħdan is-soċjetà kif ukoll fil-familja.
- Il-vjolenza fuq in-nisa hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li minnha nnifisha ċċaħħad lin-nisa mill-kapaċità li jgawdu mill-libertajiet fundamentali.
- Il-vjolenza fuq in-nisa hija ta' dannu għall-paċi, is-sigurtà u d-demokrazija fl-Ewropa.

Il-*Blueprint* imbagħad jgħaddi biex jiddeskrivi erba' oqsma prinċipali ta' miżuri li jkunu jridu jiġu kkunsidrati: a. Miżuri legali u miżuri ta' politika; b. Sostenn u protezzjoni għall-vittmi; ċ. Ġbir ta' informazzjoni; d. Tkabbir tal-konoxxenza. Il-Kummissjoni

---

[3] Għall-*Blueprint* sħiħ tal-Kunsill ta' l-Ewropa aċċessa s-sit
http://www.coe.int/t/dg2/equality/domesticviolencecampaign/Blueprint_en.asp

[4] Għal evalwazzjoni sħiħa tal-qagħda ta' Malta fir-rigward tal-kampanja minn Ġunju 2007, aċċessa http://www.coe.int/t/dg2/equality/domesticviolencecampaign/Source/Proceedings_FocPtsConf_withCover.pdf

qiegħda taħdem b'mod aktar speċifiku fuq l-aħħar tliet oqsma permezz tat-twaqqif ta' tliet Sottokumitati.

a. Miżuri legali u miżuri ta' politika

Fil-*Blueprint* tal-Kunsill ta' l-Ewropa dan il-qasam fiħ diversi sottotitli, li xi wħud minnhom diġà sar xogħol fuqhom f'Malta (per eżempju ordnijiet ta' protezzjoni, għajnuna legali, għajnuna psikosoċjali, ippjanar sabiex jigi evitat periklu) u oħrajn li rridu naħdmu fuqhom, inkluż il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-liġijiet u l-miżuri stipulati fil-liġi. Billi l-liġi tagħna ilha fis-seħħ sentejn biss din hija xi ħaġa li nisperaw li nkunu f'qagħda li nistgħu nittrattawha fil-futur.

b. Sostenn u protezzjoni għall-vittmi

Għal darb'oħra, fil-*Blueprint* tal-Kunsill ta' l-Ewropa, hemm diversi sottotitli taħt din il-miżura, u għal darb'oħra, diversi minnhom diġà jeżistu f'Malta, filwaqt li oħrajn jeħtieġu iktar ħidma.

Il-Kummissjoni waqqfet Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz[5] b'rappreżentanti ta' dawk li joffru servizzi diretti ta' faċilitajiet ta' kura fil-qasam tal-vjolenza domestika, kemm entitajiet pubbliċi kif ukoll NGOs, jiġifieri d-diversi Xelters, is-Servizzi dwar Vjolenza Domestika ta' l-Aġenzija Appoġġ, (iddentifikata bħala l-aġenzija nazzjonali fil-liġi) u s-servizzi ta' ħidma soċjali Għawdxin. Fis-Sottokumitat hemm ukoll persuna li kienet użat is-servizzi offruti f'dan il-qasam.

Dan is-Sottokumitat jgħin fil-koordinazzjoni tad-diversi servizzi diretti li jiġu provduti permezz tal-qsim ta' l-informazzjoni. Qegħdin jiġu diskussi l-i*standards* għal faċilitajiet ta' kura kif ukoll tas-servizzi li jingħataw mill-impjegati bil-għan li ssir ħidma fuq *standards* nazzjonali li jkunu aċċettabbli għall-partijiet kollha. Aħna kkomunikajna mad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali u se nkunu qed naħdmu flimkien magħhom fuq dan. Permezz ta' dan il-forum tiġi ċċirkulata u diskussa wkoll l-informazzjoni dwar opportunitajiet ta' taħriġ (nazzjonali u internazzjonali) u dwar titjib fis-servizzi permezz ta' żieda fir-riżorsi.

Il-ħidma li ssir minn dan is-Sottokumitat tissodisfa diversi ħtiġijiet mill-funzjonijiet tal-Kummissjoni skond l-Att dwar il-Vjolenza Domestika (2006):

c) l-istrateġiji biex tiġi esposta l-vjolenza domestika u biex jiġi ffaċilitat l-intervent ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati fir-rigward ta' vittmi u awturi ta' vjolenza bħal dik;
e) il-modi kif tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati li jkunu involuti fit-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza domestika;
f) *standards* għal faċilitajiet ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi jew faċilitajiet ta' kenn pubbliċi jew privati;
g) *standards* u protokolli għall-operaturi;

[5] Ara l-appendiċi B għal rapport sħiħ ta' attivitajiet u ħidma magħmula

h) il-proċeduri għall-koordinament effettiv f'livell nazzjonali ta' l-attivitajiet ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati mqabbdin fl-għoti ta' servizzi dwar materji ta' vjolenza domestika inklużi servizzi ta' sostenn;
k) it-taħriġ speċjalizzat għall-gruppi professjonali involuti; u
l) il-konsultazzjoni li ssir u nisġa ta' komunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti oħra.

ċ. Ġbir ta' informazzjoni

Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni li jidhru hawn taħt jaqgħu taħt dan it-titolu:

b) oqsma ta' vjolenza domestika li hu meħtieġ jew mixtieq li ssir riċerka fuqhom;
i) pjan komprensiv u koordinat għall-ġbir ta' informazzjoni dwar vjolenza domestika biex din tintuża mill-qrati, prosekuturi, uffiċjali għall-infurzar tal-liġi, operaturi tal-kura fis-saħħa, operaturi soċjali u aġenziji u entitajiet oħrajn b'mod li tiġi protetta l-identità tal-vittmi ta' vjolenza domestika;
l) il-konsultazzjoni li ssir u nisġa ta' komunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti oħra.

Il-Kummissjoni waqqfet Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-*Data*[6]. Id-diversi entitajiet li jiltaqgħu ma' persuni li qed jgħaddu minn esperjenza ta' vjolenza domestika jew li qed jippruvaw joħorġu minnha huma rappreżentati fuq dan is-Sottokumitat permezz ta' persuni li jaħdmu fir-riċerka u l-istatistika. Dawn jinkludu rappreżentanti mill-Qrati tal-Ġustizzja, is-Saħħa, il-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali, l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika u oħrajn.

Is-Sottokumitat qed jeżamina l-possibbiltajiet kif l-istatistiċi, li bħalissa qed jinġabru mill-entitajiet differenti, jistgħu jiġu standardizzati sabiex jagħtu stampa aħjar ta' dawk li qed ifittxu l-għajnuna. Għall-quddiem ser tingħata wkoll prijorità sabiex isir studju simili għal wieħed li sar fl-2003 u li kien ikkummissjonat mill-Ministeru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien lill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika bl-isem ta' "*Domestic Violence against Women: Perceptions of the Maltese General Public*" kif ukoll it-twettiq ta' studji ta' evalwazzjoni tas-servizzi. Biċċa xogħol kbira oħra li qed isir xogħol fuqha hija dik ta' stħarriġ dwar il-prevalenza għall-gżejjer Maltin bl-għan li tinkiseb stampa aktar ċara dwar il-problema. Dan huwa meħtieġ sabiex nkunu nistgħu nfasslu aħjar il-linji ta' politika u l-provediment tas-servizzi.

d. Tkabbir tal-konoxxenza

Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni li jidhru hawn taħt jaqgħu taħt dan it-titolu:

a) it-tkabbir tal-konoxxenza u l-għarfien tal-vjolenza domestika u dwar il-fastidju u l-konsegwenzi li dawn iġibu u fuq il-modi u l-miżuri biex jitnaqqas l-għemil tagħhom;

[6] Għar-rapport sħiħ ta' l-attivitajiet ara l-appendiċi Ċ

d) l-edukazzjoni taċ-ċittadini fuq l-aspetti kollha tal-vjolenza domestika;
e) il-modi kif tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati li jkunu involuti fit-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza domestika;
l) il-konsultazzjoni li ssir u nisġa ta' komunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti oħra.

Il-Kummissjoni waqqfet Sottokumitat għal Kampanja Nazzjonali ta' Għarfien sabiex jippjana u jikkoordina kampanji fuq il-vjolenza domestika mifruxa fuq perjodu ta' sentejn permezz tal-*media*[7]. Dan is-Sottokumitat hu magħmul minn impjegati mill-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali u l-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali inkarigati mir-relazzjonijiet pubbliċi flimkien ma' żewġ membri tal-Kummissjoni. Dan jgħin biex jingħaqdu l-attivitajiet, jitnaqqas ix-xogħol ripetut u tiżdied il-kooperazzjoni bejn dawn l-entitajiet prinċipali. Wieħed mill-aspetti li qed jiġi kkunsidrat kontinwament huwa li kemm jista' jkun jiġi żgurat li s-servizzi kurrenti ma jkunux mgħobbija izzejjed b'każijiet riferuti bħala riżultat tal-kampanja ta' informazzjoni.

Għal darb'oħra l-*Blueprint* jagħmel xi dikjarazzjonijiet ċari fil-messaġġ ta' konklużjoni tiegħu li l-Kummissjoni tikkunsidra fix-xogħol tagħha:

- Il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika titlob l-involviment mis-setturi kollha relattati u l-inizjattivi ta' azzjoni pubblika.
- Il-vjolenza domestika hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem.
- Il-vjolenza domestika tweġġa' b'mod serju lin-nisa u tagħmel ħsara lis-soċjeta' kollha kemm hi, inklużi l-ġenerazzjonijiet futuri.
- Il-vjolenza domestika tħeġġeġ li sabiex l-irġiel jieħdu sehem attiv sabiex jiġġieldu l-vjolenza fuq in-nisa.

## 11. Tkabbir tal-konoxxenza

It-tkabbir tal-konoxxenza dwar il-vjolenza domestika u l-effetti tagħha jibqa' parti importanti mix-xogħol tal-Kummissjoni. Kif jidher hawn taħt sar ħafna xogħol f'dan il-qasam matul is-sena li għaddiet. Minkejja dan, wieħed għadu jiltaqa' ma' persuni li jkunu ġejjin minn kull settur tal-ħajja li jissuġġerixxu li hemm bżonn ta' aktar għarfien dwar il-vjolenza domestika. Għalhekk dan se jkompli jkun prijorità.

### 11.1 Tkabbir tal-Konoxxenza u Kollaborazzjoni: Professjonisti u Entitajiet Oħra Relattati

Kif kien previst fir-rapport tas-sena l-oħra, fejn kien hemm il-ħtieġa l-Kummissjoni kompliet tikkorrispondi u tiltaqa' ma' diversi entitajiet li għandhom kuntatt dirett jew indirett mal-vjolenza domestika.

[7]Ara l-appendiċi D għal rapport sħiħ ta' l-attivitajiet

Dawn kienu jinkludu:

- Laqgħa li saret fit-02 ta' April 2007 mas-Sinj Grace Attard (Viċi-President) u mas-Sinj Doris Bingley (Segretarja), rappreżentanti tal-**Kunsill Nazzjonali tan-Nisa**. Il-punti li kienu diskussi u li ntlaħaq qbil fuqhom kienu jinkludu l-importanza tal-monitoraġġ tal-liġijiet eżistenti fis-snin li ġejjin sabiex jiġu ddentifikati il-modi ta' titjib għall-liġijiet eżistenti, kif ukoll tan-nuqqasijiet. Fejn hemm il-bżonn, għandha tkun emendata l-liġi, sabiex dawk li qed jgħaddu minn esperjenza ta' vjolenza domestika kif ukoll is-soċjetà tkunu tista' tibbenefikaw aktar minnha. Kienet ukoll diskussa l-ħtieġa għal kuxjenza u responsabbiltà akbar fis-soċjetà b'mod ġenerali, u li issa informazzjoni mgħoddija minn terzi persuni dwar vjolenza domestika hija possibbli u ta' min jirrikkmandaha. Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa wiegħed lill-Kummissjoni l-appoġġ tiegħu u għajnuna fix-xogħol tagħha, kif ukoll għajnuna prattika fejn ikun meħtieġ.

- Laqgħa li saret fis-16 ta' April 2007 ma' Dr Janet Mifsud (Kummissarju) u s-Sinj Sina Bugeja (Uffiċjal Kap Eżekuttiv), rappreżentanti tal-**Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza**. Ir-rappreżentanti rrikonoxxew liema huma l-oqsma ta' interess komuni u qablu li jikkollaboraw mal-Kummissjoni fuq kwistjonijiet dwar vjolenza domestika speċjalment billi jgħaddulha kull dokument rilevanti li huwa relatat mal-kwistjoni. Billi l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza kienet qed taħdem fuq Proġett ta' l-UE bl-isem ta' ESF 46, il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika kienet bagħtet ittra dwar ir-reviżjoni tal-liġijiet ta' Malta li jistgħu jxekklu l-proċess tal-ġlieda kontra l-vjolenza domestika.

- Laqgħa li saret fis-16 ta' April 2007 mas-Sur Sandro Spiteri (*Chairperson*) u s-Sinj Joyce Sciberras (Membru), bħala rappreżentanti tal-**Kummissjoni Nazzjonali Familja**. Ir-rappreżentanti semmew li wieħed mill-proġetti li kienu daħlu għalih kien jinkludi l-Politika tal-Familja li għandu jitlesta sa l-aħħar ta' Mejju 2007. Il-punti li ġew diskussi kienu jinkludu dak tal-medjaturi u l-ħtieġa ta' protokoll formali dwar kif wieħed jista' jipproċedi f'każijiet ta' vjolenza domestika. Kien issuġġerit ukoll li persuna li tkun għaddiet minn esperjenza ta' vjolenza domestika mingħand ir-raġel jew mingħand il-mara għandha titħalla tippreżenta 'affidavit' minflok ma tkun preżenti għal-laqgħa ta' medjazzjoni, biex b'hekk ikun evitat li jkollha kuntatt ma' min ikun ikkommetta r-reat.

- Laqgħa li saret fit-30 ta' April 2007 mas-Sur Joe Camilleri (*Chairperson*) u s-Sur Alfred Bezzina (Segretarju), rappreżentanti tal-**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbiltà**. Ġie rikonoxxut li persuni b'diżabbiltà huma partikularment suġġetti għal kwistjonijiet relatati ma' l-abbuż u għalhekk għandhom jiġu inklużi meta jiġu ttrattati kwistjonijiet ta' vjolenza domestika. Kien hemm ukoll qbil li meta jiġi organizzat taħriġ fuq aspetti ta' vjolenza domestika u kampanji ta' għarfien, trid tingħata attenzjoni sabiex ikun żgurat li l-postijiet kollha fejn isiru l-attivitajiet ikunu kompletament aċċessibbli, u li kull informazzjoni li titqassam tkun preżentata f'diversi modi u mezzi biex tkun żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni

kollha b'diżabbiltà. Kien issuġġerit ukoll li każijiet ta' vjolenza domestika li jinvolvu persuni b'diżabbiltà għandhom jiġu ttrattati minn ħaddiema soċjali li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika li min-naħa tagħhom jikkonsultaw, fejn meħtieġ, ma' ħaddiema soċjali li jaħdmu fost il-persuni b'diżabbiltà, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi meħtieġa.

- Laqgħa li saret fl-14 ta' Mejju 2007 mas-Sinj Therese Micallef, *Social Inclusion Officer* fid-**Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm**. Il-punti li ġew diskussi kienu jinkludu modi u miżuri ta' kif jistgħu jiġu utilizzati l-fondi ta' l-UE permezz ta' proġetti disponibbli taħt diversi programmi pprovduti mill-Unjoni Ewropea. Saret enfasi fuq l-importanza tal-komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet. Is-Sinj Micallef qablet li tqajjem fil-laqgħa *Progress* li jmiss, li idealment il-laqgħat isiru flimkien ma' l-entitajiet kollha kkonċernati. Dawn il-laqgħat jistgħu jkunu bażi għall-formulazzjoni ta' proġetti li wieħed jista' japplika għalihom meta joħorġu sejħiet uffiċjali. Dan għandu wkoll iħajjar lill-entitajiet sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom biex japplikaw flimkien għal proġett wieħed.

- Laqgħa li saret fil-11 ta' Ġunju 2007 mas-Sinj Anna Borg (*Chairperson*) u s-Sinj Reneè Laiviera, rappreżentanti tal-**Konfederazzjoni Maltija ta' l-Organizzazzjonijiet tan-Nisa (KMON)**. Is-Sinj Laiviera hija r-rappreżentanta tal-Konfederazzjoni fuq il-*European Women's Lobby*. Il-punti li ġew diskussi kienu jinkludu l-importanza li l-politiċi jkunu involuti fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika. Il-KMON kompliet timpenja ruħha li tikkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni, speċjalment peress illi hija membru tal-*Europeans Women's Lobby* u tista' żżomm kuntatt magħhom dwar l-għajnuna minn persuni barranin speċjalizzati fil-qasam u li jistgħu jkunu kapaċi jgħinu fit-taħriġ.

- Laqgħa li saret mad-**Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali** fis-17 ta' Settembru 2007, ma' Dr Kenneth Grech, Direttur, is-Sinj Frances Mallia u s-Sinj Maryanne Muscat Azzopardi. Ġie ssuġġerit li rappreżentanti mid-Dipartiment jattendu laqgħa tas-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz sabiex jiddiskutu l-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ħolqien ta' linji gwida ta' prattika. Dan għandu jippermetti liż-żewġ entitajiet li jaħdmu flimkien għal kisba komuni. Dr Grech issuġġerixxa li jitwaqqaf *working group* sabiex jaħdem separatament mis-Sottokumitat. Dr Kenneth Grech irrimarka li l-*working group* jista' jressaq flimkien l-entitajiet kollha interessati u li l-Ministeru għandu jiġi nfurmat.

- Laqgħa li saret fis-17 ta' Settembru 2007 mal-Professur Richard Muscat (*Chairperson*), is-Sinj Anna Girard (*Focal Point*) u s-Sinj Paula Herbert bħala rappreżentanti tal-**Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Abbuż tad-Droga, l-Alkoħol u Dipendenzi oħra**. Ġew rikonoxxuti oqsma komuni u ntlaħaq qbil li hemm kwistjonijiet inklużi fl-abbozz tal-Politka dwar id-Droga li jirrigwardaw il-qasam tal-vjolenza domestika. Huma offrew li jagħtu l-pariri tagħhom minħabba l-esperjenza li għandhom fl-istandardizzazzjoni tad-*data*.

- Saret laqgħa fl-24 ta' Settembru 2007 mas-Sinj Michelle Mallia (President, MNPN), Dr Paula Mifsud Bonnici u Dr Shirley Farrugia, rappreżentanti tal-**Partit Nazzjonalista**. Il-punti li ġew diskussi kienu jinkludu r-rwol tat-tobba meta jiktbu rapporti u jipproċedu każijiet ta' vjolenza domestika, u s-suġġeriment biex il-Qrati tal-Ġustizzja jkunu jistgħu jaċċettaw 'affidavit' iffirmat mit-tabib ikkonċernat. Ġie wkoll issuġġerit li tinħoloq nisġa ta' kommunikazzjoni bejn dawk li joffru s-servizzi diretti sabiex jiġi ffaċilitat servizz koordinat. Intlaħaq qbil ukoll dwar il-ħtieġa ta' aktar riżorsi li jkunu għas-servizz ta' l-awturi tal-vjolenza meta wieħed iqis li issa l-liġi tinkludi l-possibbiltà li jirċievu ordni ta' trattament meta dawn jinstabu ħatja u l-possibbiltà li awtur ta' vjolenza jintbagħat għall-programm apposta mill-Qorti fuq bażi volontarja meta jidher l-ewwel darba quddiemha.

- Laqgħa li saret fl-24 ta' Settembru 2007 ma' l-Onor. Helena Dalli, bħala r-rappreżentanta tal-**Malta Labour Party**. Il-punti li ġew diskussi kienu jinkludu l-importanza tat-terapija għall-priġunieri sabiex ma jkomplux iwettqu vjolenza, u li jkun hemm numru xieraq ta' ħaddiema soċjali u ta' psikologi sabiex jgħinu lil persuni li jkunu għaddew mhux biss minn abbuż fiżiku imma wkoll minn abbuż emozzjonali. Ġew diskussi wkoll miżuri sabiex jiżdiedu l-persuni li jsegwu korsijiet li jwasslu għal speċjalizzazjoni f'dawn l-oqsma f'livell Universitarju.

- Laqgħa li saret fit-8 ta' Ottubru 2007 ma' Dr. Harry Vassallo (Kap tal-Partit), Is-Sinj Vikki Attard u s-Victor Galea (Segretarju Eżekuttiv), rappreżentanti ta' l-***Alternativa Demokratika***. Ġie ssuġġerit li sentenzi dwar każijiet ta' vjolenza domestika għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sabiex din imbagħad tkun tista' tagħti r-reazzjonijiet tagħha lill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern u li għandhom jiġu fformulati linji gwida għall-uffiċjali tal-pulizija, tobba u saċerdoti.

- Laqgħa li saret fil-15 ta' Ottubru 2007 ma' Dr Edward Gatt, Viċi-President tal-**Kamra ta' l-Avukati**, Dr Stefan Camilleri u s-Sinj Dorothy Ciantar. Intlaħaq qbil sabiex jiġi organizzat seminar/sessjoni ta' ħidma bejn il-Kamra ta' l-Avukati u l-Kummissjoni dwar l-aspetti ta' vjolenza domestika, bis-sehem tal-Ġudikatura, l-avukati, il-medjaturi u l-pulizija. Saret enfasi kemm fuq l-importanza li jitħaffu r-rapporti għal-qorti mill-ħaddiema soċjali kif ukoll fuq il-ħlas tagħhom.

- Saru diversi laqgħat bejn iċ-*Chairperson* u s-Sinj Claire Azzopardi mill-**Amnesty International Malta** dwar programm ta' riċerka li kienu għamlu fuq il-vjolenza domestika f'Malta.

### 11.1.1 Preżentazzjonijiet

Iċ-*Chairperson* kienet mistiedna mis-Sinj Maryanne Gauci, *Family and Adult Service Manager*, Aġenzija Appoġġ sabiex tagħti preżentazzjoni lis-*Service Area Leaders* fl-Aġenzija Appoġġ fl-10 ta' April 2007, b'relazzjoni mal-kampanja tal-Kunsill ta' l-Ewropa sabiex tiġġieled l-vjolenza fuq n-nisa, inkluża l-vjolenza domestika.

Il-Kummissjoni kienet ukoll mistiedna mill-Kunsill ta' l-Ewropa sabiex tagħti żewġ preżentazzjonijiet fuq il-qagħda f'Malta fir-rigward tal-Vjolenza Domestika. Dawn saru fil-Konferenza għal *Focal Points* Nazzjonali organizzata mill-Kunsill ta' l-Ewropa fi Strasbourg fl-4 u l-5 ta' Ġunju 2007[8] u s-Seminar dwar il-Ġbir ta' l-Informazzjoni bħala prerekwiżit għal linji ta' politika effettiva għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika organizzat mill-Kunsill ta' l-Ewropa f'Lisbona fil-5 ta' Lulju 2007[9]. Dawn il-preżentazzjonijiet għenu sabiex jiżdied l-għarfien dwar il-qagħda ta' Malta u dwar l-attivitajiet fi ħdan il-Kunsill ta' l-Ewropa f'dan ir-rigward.

### 11.1.2 Komunikazzjoni mal-Ġudikatura

Il-Kummissjoni kompliet tenfasizza l-importanza li tiltaqa' mal-Ġudikatura sabiex tkun f'qagħda li tista' tiddiskuti kwistjonijiet importanti li qed jitqajmu kemm minn ħaddiema li jmissu direttament mal-kazijiet tal-vjolenza domestika kif ukoll minn persuni li jagħmlu użu mis-servizzi. Sa issa l-Kummissjoni għadha qed tistenna tweġiba għal ittra li ntbagħtet lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fejn kienu ġew definiti kwistjonijiet ta' importanza. Dawn ukoll tqajmu mas-Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Affarijiet ta' l-Intern u ġie ssuġġerit li ssir laqgħa mal-Prim Imħallef.

## 11.2 Tkabbir tal-konoxxenza: Iċ-ċittadini

Meta l-Kummissjoni ħassitha li stabbiliet ruħha aħjar, żdiedet il-parteċipazzjoni tagħha fil-*media*. Ġiet ippjanata Kampanja ta' Għarfien mifruxa fuq sentejn u twaqqaf Sottokumitat kif intqal aktar 'il fuq, biex jimplimentaha[10]. Dan kien jinkludi l-parteċipazzjoni ta' membri tal-Kummissjoni għal tlettax-il darba fuq stazzjonijiet televiżivi jew tar-radju fis-sena msemmija, kif ukoll seba' artikli ppubblikati fil-gazzetti

[8] Naudi, M. 2007 "*Development at national level: national campaigns within the framework of the Council of Europe Campaign to combat violence against women, including domestic violence - "Application of Council of Europe Blueprint to Malta". Pp.50-53 in Proceedings of the Conference of National Focal Points and Contact Parliamentarians. Strasbourg*. 4 u 5 ta' Ġunju 2007. Direttorat Ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Affarijiet Legali: Il-Kunsill ta' l-Ewropa.

[9] Bell, A. 2008. *"Data Collection Practices in relation to Domestic Violence in Malta: A Preliminary Analysis". Pp.99-100 in Proceedings of the Regional Seminar: Data Collection as a Prerequisite for Effective Policies to Combat Violence against Women, Lisbon, Portugal* 5 July 2007. Direttorat Ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Affarijiet Legali: Il-Kunsill ta' l-Ewropa.

[10] Ara l-appendiċi D għal rapport sħiħ ta' l-attivitajiet tas-Sottokumitati .

lokali kemm bl-Ingliża kif ukoll bil-Malti[11]. Is-Sottokumitat wkoll organizza: kampanja ta' għarfien permezz tal-*Bus Shelters Campaign*, u dan bil-kollaborazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali; l-kampanja *Malta White Ribbon* b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali; u kompetizzjoni tat-tpinġija fl-Iskejjel, b'kollaborazzjoni mat-Taqsima Edukattiva Demokrazija u Valuri fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Ir-rappurtaġġ ta' dawn l-attivitajiet deher fil-media.

### 11.3 *Website*

Il-*website* tal-Kummissjoni www.domesticviolence.gov.mt twaqqfet f'Ġunju 2007 bħala parti mill-*website* tal-Ministeru. L-informazzjoni li hemm fil-*website* tinkludi informazzjoni dwar il-Kummissjoni u l-attivitajiet tagħha kif ukoll informazzjoni dwar l-Att dwar il-Vjolenza Domestika. Fiha wkoll *links* għal *websites* ta' organizzazzjonijiet oħrajn li jittrattaw każijiet ta' vjolenza domestika.

### 11.4 Logo

Wara li segwiet il-proċedura tas-soltu l-Kummissjoni issa għandha l-logo tagħha li jgħin fil-promozzjoni ta' l-identità tagħha u l-ħidma li hija twettaq. Il-logo intgħażel fuq il-bażi li jirrappreżenta bl-aħjar mod il-missjoni tal-Kummissjoni.

## 12. Żvilupp tas-Servizz u tal-Linji ta' Politika

### 12.1 Laqgħat ma' l-Aġenzija Msemmija responsabbli għall-organizzazzjoni ta' programmi ta' prevenzjoni, terapija u/jew ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika

Il-Kummissjoni kompliet bil-kuntatti mill-qrib ma' l-Aġenzija Appoġġ matul is-sena li għaddiet. Saru diversi laqgħat – fit-2 ta' April 2007, fil-21 ta' Ġunju 2007, fis-28 ta' Ġunju 2007, fis-27 ta' Lulju 2007 u fis-26 ta' Settembru 2007 bejn iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni u s-Sinj Maryanne Gauci, *Adult & Family Service Manager* fl-Aġenzija Appoġġ sabiex jiddiskutu kwistjonijiet li tqajmu kif jista' jkun hemm kollaborazzjoni aktar attiva bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija Appoġġ. Il-punti li ġew diskussi kienu jinkludu li ġej:

- Diskussjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni.

[11] Biex tara l-artikli mur www.domesticviolence.gov.mt

- Rappreżentanza tal-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali fid-diversi Sottokumitati.
- Kollaborazzjoni fir-rigward tal-kampanja ta' informazzjoni *Malta White Ribbon Campaign*.
- Il-ħtieġa ta' aktar ħaddiema soċjali fid-*Domestic Violence Unit* ta' l-Aġenzija Appoġġ.
- Il-problema li s-servizzi eżistenti jispiċċaw mgħobbija żżejjed b'każijiet riferuti bħala riżultat tal-kampanja ta' għarfien.
- It-tfassil ta' rapporti meħtieġa għall-Kampanja ta' għarfien tal-Kunsill ta' l-Ewropa sabiex tiġġieled l-Vjolenza fuq in-Nisa, inkluża l-Vjolenza Domestika.
- Każ bi prova dwar rappurtar lill-pulizija minn terzi persuni.
- Attivitajiet oħrajn li jistgħu jiġu organizzati sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar aspetti ta' vjolenza domestika.

## 12.2 Żjarat ta' familjarizzazzjoni fix-Xelters

Il-membri tal-Kummissjoni kienu mistiedna jżuru d-diversi Xelters sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom mas-servizzi offruti u sabiex jiddiskutu kwistjonijiet mqajma mill-ħaddiema.

Iż-żjarat kienu kif ġej:

- Għabex – 2 ta' Lulju 2007
- Dar Qalb ta' Ġesu' – 11 ta' Lulju 2007
- Dar Carolina – 11 ta' Settembru 2007
- Dar Tereża Spinelli – 26 ta' Settembru 2007

Il-punti li tqajmu kienu jinkludu:

- Linji gwida ta' prattika għax-Xelters.
- Il-biża' li jgħaddu minnha n-nisa meta jkunu jridu jidhru quddiem il-Qorti, u l-importanza ta' skorta tal-pulizija f'ċerti każijiet.
- In-nuqqas ta' kunsiderazzjoni mogħtija mill-Qorti għal evalwazzjoni professjonali mill-ħaddiema soċjali.
- Is-suġġeriment li f'ċerti każijiet n-nisa jkunu jistgħu jagħtu x-xhieda tagħhom permezz ta' *video conferencing*. It-talba għandha tintbagħat lill-Maġistrat mill-Pulizija.
- Il-problema tal-Maġistrati li jinsistu li l-ħaddiema soċjali jagħtu d-dettalji personali tagħhom minflok id-dettalji ta' l-Aġenzija waqt li jkunu qed jixhdu fil-Qorti, fejn ikun hemm preżenti l-awtur tal-vjolenza, anki jekk ikunu qed jixhdu fil-kapaċità professjonali tagħhom.
- Il-problema tal-pulizija li jinsistu li l-ħaddiema soċjali jagħtu d-dettalji personali tagħhom minflok id-dettalji ta' l-Aġenzija meta jimlew ir-rapport, anki jekk jafu li l-awtur tal-vjolenza għandu aċċess għar-rapport.

- Il-problema tat-tul ta' żmien li każ jieħu fil-qorti biex jinstema' u li dan jirriżulta fi frustrazzjoni mhux biss għan-nisa imma wkoll għall-ħaddiema soċjali. Id-deċiżjonijiet dwar il-kura, il-kustodja u l-manteniment jieħdu ħafna żmien biex jinħarġu u dan għad-detriment tat-tfal, speċjalment fejn mara jkollha titlaq mid-dar matrimonjali u tħalli t-tfal warajha. Dan hu dovut parzjalment għat-talbiet li jagħmlu l-Maġistrati għal aktar seduti ta' medjazzjoni. L-ħaddiema soċjali jħossu li għandu jkun hemm linji gwida dwar kif wieħed għandu jipproċedi f'każijiet bħal dawn.
- Il-problema tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, xi kultant, minn ħaddiema soċjali li jaħdmu ma' entitajiet oħrajn.
- Il-problemi li jiffaċċjaw in-nisa biex jirċievu l-manteniment li jkun ġie miftiehem b'mod legali.
- Il-ħtieġa ta' aktar ħaddiema soċjali.
- Id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom biex jiksbu servizzi ta' għajnuna psikoloġika għar-residenti tagħhom, minħabba listi ta' stennija twal ikkaġunati min-nuqqas ta' riżorsi umani.

## 12.3 Parteċipazzjoni fil-Kumpilazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali

Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali qed jorganizza sensiela ta' *Focus Groups* ta' nofs ta' nhar kull wieħed għall-gruppi vulnerabbli li ġew identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali (2006-2008) sabiex ikun jista' jibni l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali li jmiss. Iċ-*Chairperson* ħadet sehem fil-*focus groups* li saru fi Frar 2008 dwar is-Saħħa Mentali (7/2/08) u dwar il-Vjolenza Domestika (20/2/08). Il-Kummissjoni se tkompli tkun rappreżentata u anki tieħu sehem attiv fil-*focus groups* li se jsiru fi żmien qasir dwar il-Migrazzjoni Irregolari (5/3/08); It-Tfal u ż-Żgħażagħ (26/3/08); Il-Persuni Anzjani (9/4/08); *Addictive Behaviour* (30/4/08); u d-Diżabbiltà (7/5/08). Il-kwistjoni tal-vjolenza domestika tikkonċerna kull waħda minn dawn l-oqsma u huwa importanti li dan jiġi rikonoxxut u inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali.

## 12.4 Laqgħa ma' l-Eċċellenza Tiegħu Mgr Pawlu Cremona, Arċisqof ta' Malta

Il-Kummissjoni tagħraf l-influwenza qawwija tal-Knisja Kattolika f'Malta u għalhekk l-importanza li taħdem mill-viċin mal-Knisja. Il-Knisja tkompli tipprovdi għajnuna u sostenn materjali, emozzjonali u spiritwali, lil persuni li qed jgħaddu minn esperjenza ta' vjolenza domestika jew li qed joħorġu minnha. Għalhekk, wara li l-Arċisqof il-ġdid ġie kkonsagrat, il-Kummissjoni talbet li jkollha laqgħa miegħu sabiex tkun tista' tiddiskuti dwar oqsma ta' preokkupazzjoni fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika kif ukoll il-possibilitá ta' kollaborazzjoni. Saret laqgħa fis-6 ta' Lulju 2007 fil-Kurja ta' l-Arċisqof fil-Floriana u l-punti li ġew diskussi kienu jinkludu diskussjonijiet mal-Kappillani, permezz tal-Kulleġġ tal-Kappillani, kif ukoll mas-seminaristi dwar il-kwistjoni ta'

vjolenza domestika u l-programmi reliġjużi bħall-Qalb in Nies li permezz tagħhom tista' titqajjem aktar kuxjenza. Kien hemm suġġerimenti oħrajn fosthom li taħdidiet fuq din il-kwistjoni jistgħu jkunu inklużi fil-programm ta' *lectures* li jingħataw lil koppji li qed iħejju għaż-żwieġ. Kienet diskussa wkoll il-kwistjoni ta' vjolenza mwettqa minn żgħażagħ. Attendew għal-laqgħa l-Eċċellenza Tiegħu Mgr Pawlu Cremona, Dr Marceline Naudi (*Chairperson*), is-Sinj Maria Attard, Sr Joan Garner, Dr Roberta Lepre' Camilleri (membri tal-Kummissjoni) u s-Sinj Doris Vassallo (Segretarja).

### 12.5 Kuntatt mal-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-Vjolenza Domestika

Minbarra s-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz, il-Kummissjoni tkun ukoll f'kuntatt regolari mal-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-vjolenza domestika li jinkludi l-ħaddiema soċjali kollha li jaħdmu fis-settur, kif ukoll rappreżentanti mid-diversi Xelters. Iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni tattendi l-laqgħat tal-forum fil-kapaċità personali tagħha u wara tgħaddi l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

### 12.6 Kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar linji gwida għall-Pulizija fuq kif għandhom jiġu ttrattati r-rapporti dwar vjolenza domestika

Il-Kummissarju tal-Pulizija ħareġ ċirkulari interna lill-uffiċjali tal-pulizija kollha li kien fiha linji gwida fuq kif għandhom jiġu ttrattati rapporti dwar vjolenza domestika. Il-Kummissjoni kkorrispondiet mal-Kummissarju tal-Pulizija fuq il-linji gwida u kisbet permess sabiex jitqassmu kopji tagħhom lill-*managers* u l-ħaddiema fil-qasam tal-vjolenza domestika. Il-Kummissjoni talbet ukoll, u ingħatat, kopja tar-rapport fuq il-konferenza internazzjonali tal-*European Police College* (CEPOL) dwar il-vjolenza domestika li saret f'Malta bejn is-17 u d-19 ta' April 2007.

## 13. Proġetti ta' l-UE u Internazzjonali

### 13.1 Fond Soċjali Ewropew

Saret applikazzjoni għall-proġett '*Dignity for Domestic Violence Survivors*' taħt il-Programm Operattiv II tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, Assi Prijoritajri III **-** L-Għoti tar-Responsabbiltà lill-Persuni għal aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar, mill-Kummissjoni bħala l-imsieħba ewlenija bil-kooperazzjoni ta' diversi organizzazzjonijiet oħrajn. Jekk dan il-proġett jikwalifika, il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tuża' l-fondi sabiex tkompli x-xogħol tagħha f'dan il-qasam. Il-proġett jinkludi:

- Studju tal-Prevalenza – sabiex tinkiseb indikazzjoni tal-prevalenza attwali tal-vjolenza domestika u jekk teżistix rabta bejn il-vjolenza domestika u l-parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol.
- Żjara ta' studju – sabiex wieħed jitgħallem kif Xelters oħrajn fl-Ewropa jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jgħinu r-residenti isibu mpjieg jew impjieg għal rashom, anki permezz tat-twaqqif ta' kooperattivi.

- Żvilupp ta' *standards* għax-Xelters sabiex ikunu f'qagħda li jipprovdu għall-inklużjoni għal dawk in-nies li esperjenzaw il-vjolenza domestika fid-dinja tax-xogħol.
- Żvilupp ta' pjanijiet ta' koordinazzjoni li jinkludu t-tfassil ta' protokolli għas-setturi mdaħħla fil-vjolenza domestika inklużi dawn li ġejjin:
    - pulizija
    - *media*
    - entitajiet tal-Gvern
    - għal dawk li jipprovdu is-servizzi tas-saħħa
    - NGOs – sabiex jaħdmu b'mod koordinat għall-inklużjoni għal dawk in-nies li esperjenzaw il-vjolenza domestika fid-dinja tax-xogħol
    - kampanja ta' għarfien dwar ir-relazzjoni bejn il-vjolenza domestika u il-parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol għal dawk in-nies li jgħaddu mill-vjolenza domestika permezz tal-*media*

## 13.2 Il-Programm Daphne III, 2007-2013

Bħala r-rappreżentanta ta' Malta fil-proġett Daphne III, iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni attendiet laqgħa fi Brussell fis-7 ta' Settembru 2007 u ressqet il-pożizzjoni ta' Malta skond l-istruzzjonijiet li ingħataw mid-Direttorat għall-Unjoni Ewropeja u Affarijiet Internazzjonali fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. L-għan tal-Programm Daphne huwa li jippreveni u jiġġieled l-vjolenza kontra tfal, żgħażagħ u nisa u li jipproteġi persuni li għaddejjin minn esperjenza ta' vjolenza u gruppi f'riskju. Daphne III huwa parti minn programm ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja', u huwa kontinwazzjoni tal-linji ta' politika u ta' l-għanijiet stabbiliti fil-programmi Daphne I u Daphne II. L-għanijiet tal-programm huma mmirati għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull għamla ta' vjolenza inklużi l-isfruttament sesswali u t-traffikar tal-bnedmin, fl-isfera pubblika u privata. Mal-wasla lura taċ-*Chairperson* ġiet organizzata laqgħa ma' diversi entitajiet interessati sabiex kulħadd ikun jista' jaqsam informazzjoni dwar kif wieħed għandu japplika għall-fondi tal-Programmi Daphne. Issa li nħarġet uffiċjalment is-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-fondi, qegħda tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li ssir applikazzjoni waħda bil-parteċipazzjoni ta' l-entitajiet interessati. Il-fondi jkopru proġett li jkun jinvolvi t-taħriġ ta' l-impjegati li jaħdmu f'dan il-qasam, żjarat ta' skambju u oħrajn.

## 13.3 Grundtvig 3

Id-Direttur (Unjoni Ewropea u Affarijiet Internazzjonali) mill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali għarraf lill-Kummissjoni dwar talba li kienu rċevew mingħand iċ-'Centro Studi Il Perugino', fl-Italja sabiex l-ħaddiema soċjali jkunu jistgħu japplikaw għall-fondi mill-UE taħt il-Grundtvig 3 u jattendu sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-vjolenza domestika bħala parti minn proġett imsejjaħ '*Acting on the Background for a higher Climbing up of Women Survivors of Violence*'. Il-Kummissjoni għaddiet l-informazzjoni lix-Xelters u lill-ħaddiema soċjali u ħajrithom sabiex jattendu. Ħaddiem soċjali mid-*Domestic Violence Unit*, Aġenzija Appoġġ se tkun qed tattendi f'Ġunju 2008.

## 13.4 Il-Kampanja tal-Kunsill ta' l-Ewropa

Il-Kummissjoni kienet rappreżentata f'diversi konferenzi organizzati mill-Kunsill ta' l-Ewropa għall-Kampanja sabiex tiġġieled tal-Vjolenza fuq in-Nisa, inkluża l-vjolenza domestika.

**13.4.1** Bħala l-Uffiċjal ta' Livell Għoli, iċ-*Chairperson* attendiet **Konferenza għal *Focal Points* Nazzjonali u rappreżentanti Parlamentari** fi Strasbourg Franza fl-4 u l-5 ta' Ġunju 2007. Hija ppreżentat dokument dwar l-applikazzjoni tal-*Blueprint* tal-Kampanja għal Malta[12].

**13.4.2** Il-Kummissjoni kienet rappreżentata f'Konferenza dwar **Il-Ġbir ta' Informazzjoni bħala prerekwiżit għal linji ta' politika effettivi għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika** f'Lisbona, il-Portugall fil-5 ta' Lulju 2007, mill-membru tal-Kummissjoni s-Sur Albert Bell bħala ċ-*Chairperson* maħtur tas-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-*Data*. Huwa kellu l-okkażjoni jagħti preżentazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' Malta fejn jirrigwarda r-riċerka fis-settur[13]. Il-Kummissjoni ħasbet ukoll għall-attendenza ta' żewġ rappreżentanti oħra minn Malta, wieħed mill-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali u l-ieħor mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, sabiex l-għarfien u l-esperjenza miksuba mill-konferenza tkun tista' tiġi użata fis-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-*Data*.

**13.4.3** Il-Kummissjoni kienet rappreżentata f'Konferenza dwar is-**'Servizzi ta' Sostenn Lin-Nisa Vittmi ta' Vjolenza'** fi Strasbourg, Franza fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2007 minn żewġ rappreżentanti ta' NGOs li jipprovdu servizzi fil-qasam tal-vjolenza domestika. Mal-wasla tagħhom huma qasmu l-esperjenzi tagħhom u kitbu rapport għall-Kummissjoni.

**13.4.4** Iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni ħejjiet rapport, flimkien mal-*Focal Point* maħtura għall-Kampanja, is-Sinj Maryanne Gauci, kif mitlub mill-Kunsill ta' l-Ewropa, sabiex jiġi ndikat l-progress li sar sa nofs il-Kampanja. Il-kollaborazzjoni fil-kitba tar-rapport finali hija għaddejja.

**13.4.5** Il-Kummissjoni qajmet il-kwistjoni li Malta m'għandhiex rappreżentant parlamentari fil-Kampanja tal-Kunsill ta' l-Ewropa sabiex tiġġieled il-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika, u ħadmet ħafna biex tiżgura li jinħatar rappreżentant. Fil-bidu ta' din is-sena nħatar rappreżentant, madankollu minħabba l-elezzjonijiet ġenerali għandu jinħatar rappreżentant ġdid wara li jerġa' jiltaqa' l-parlament.

---

[12] Tista' tara d-dokument kollu f'dan l-indirizz: http://www.coe.int/t/dg2/equality/domesticviolencecampaign/Source/Proceedings_FocPtsConf_withCover.pdf

[13] Tista' tara d-dokument kollu f'dan l-indirizz: http://www.coe.int/t/dg2/equality/domesticviolencecampaign/Regional_seminars/EG-VAW-SEM3.pdf

### 13.5 Kwestjonarju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-riżoluzzjoni CCPCJ ECOSOC fuq it-Tweġibiet għall-vjolenza fuq in-nisa 2006/29

Il-Kwestjonarju ntbagħat lill-Kummissjoni mis-Sur Gerald Farrugia, *2nd Secretary* fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin f'isem l-Ambaxxata Maltija f'Ġinevra. Il-mistoqsijiet ittrattaw il-qagħda ta' Malta fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità u t-tweġibiet tal-ġustizzja kriminali għall-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet. Il-kwestjonarju tlesta kif mitlub.

### 13.6 Kwestjonarju ta' l-Għaqda Dinija tas-Saħħa

F'Settembru 2005, il-Kumitat Reġjonali ta' l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa adotta riżoluzzjoni dwar il-prevenzjoni ta' korriment (EUR/RC55/R9) u għalhekk jitlob aġġornamenti mingħand il-pajjiżi. Ingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet li jirrigwardaw il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni ma' Dr T. Firman Tilney bħala l-*Focal Point* min-naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa.

### 13.7 Kwestjonarji tal-Kunsill ta' l-Ewropa

**13.7.1** Il-kwestjonarju 'Riviżjoni u osservazzjonijiet ta' Struttura dwar l-Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni Rec(2002)5 fuq il-Protezzjoni tan-Nisa kontra l-Vjolenza' intbagħat lill-Kummissjoni mis-Sinj Sina Bugeja, ir-rappreżentanta ta' Malta fuq il-kumitat dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Dan il-kwestjonarju.

**13.7.2** Kwestjonarju ieħor intbagħat lill-Kummissjoni mill-Kunsill Konsultattiv Favur l-Opportunitajiet Indaqs bejn in-Nisa u l-Irġiel, dwar **'**Parlamenti magħquda fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika fuq in-nisa': azzjonijiet meħuda fir-rigward tar-Riżoluzzjoni 1582 (2007). Dan il-kwestjonarju jipprovdi lill-Kumitat bir-rapport ta' progress ta' Malta dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prijorità identifikati mill-Assemblea Parlamentari (paragrafu 6.6 tar-Riżoluzzjoni 1582 (2007)) u dwar it-tkabbir ta' l-għarfien u attivitajiet oħrajn organizzati minn parlamenti nazzjonali bħala parti mill-Kampanja tal-Kunsill ta' l-Ewropa '*Stop domestic violence against women'*. Dan il-kwestjonarju tlesta kif mitlub.

## 14. Riċerka u Statistika

Il-kwistjoni ta' *data* u statistika rilevanti, kif intqal band'oħra, tibqa' prijorità għall-Kummissjoni. Ix-xogħol preliminari tas-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-*Data*[14] beda u qed isiru kuntatti u kooperazzjoni bejn id-diversi entitajiet interessati. Bil-proveddiment tar-riżorsi meħtieġa, is-Sottokumitat ikun jista' jagħti aktar riżultati tanġibbli.

[14] Ara l-appendiċi C għal rapport sħiħ dwar l-attivitajiet tas-Sottokumitat.

## 15. Konklużjoni

F'din it-tieni sena mit-twaqqif tagħha, minkejja li b'membru nieqes, il-Kummissjoni ippruvat tibni fuq il-pedamenti ta' l-ewwel sena. Il-Kummissjoni kompliet issaħħaħ ir-relazzjonijiet u iżżid il-kuntatti li kellha sabiex tkabbar il-kooperazzjoni mad-diversi entitajiet interessati. Il-'familja estiża' tal-Kummissjoni kibret bit-twaqqif ta' tliet Sottokumitati li jikkonsistu f'total ta' sittax-il persuna addizzjonali, kollha kemm huma impenjati li jagħtu mill-ħin u l-enerġija tagħhom sabiex itejbu l-ħajja ta' persuni li qed jgħaddu minn esperjenza ta' vjolenza domestika jew li qed joħorġu minnha.

Il-membri ħadu sehem attiv f'diversi seminars u promozzjonijiet fuq il-*media* sabiex ikomplu jqajmu l-kuxjenza pubblika dwar l-effetti qerrieda tal-vjolenza domestika, u dan għandu jibqa' prijorità. Ix-xogħol fuq l-istandardizzazzjoni ta' l-istatistika, u fuq stħarriġ dwar il-prevalenza ukoll ħa jibqgħu prijorità, sabiex inkunu nistgħu niksbu stampa aħjar tas-sitwazzjoni f'Malta li tkun ibbażata fuq l-evidenza. Nittamaw li t-tielet prijorità għas-sena li ġejja tkun li nkomplu naħdmu fuq it-tħejjija ta' *standards* għas-servizzi, u dan għandu jinkludi ż-żieda ta' impjegati fejn jiġi indikat. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll sabiex tagħmel aktar progress fejn jirrigwarda l-kuntatti tagħha mal-Ġudikatura.

Qed nispiċċaw is-sena bi ftit proġetti pendenti oħrajn li rridu nittrattaw mill-ġdid is-sena li ġejja. Dawn jinkludu, kif indikat aktar 'il fuq, iż-żieda ta' riżorsi umani fi ħdan l-aġenzija msemmija b'relazzjoni ma' l-ħaddiema soċjali li jaħdmu fuq il-każijiet tal-vjolenza domestika; għajnuna amministrattiva addizzjonali lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' twettaq ix-xogħol tagħha kif jixraq; u l-ħatra ta' membru tal-kummissjoni ieħor sabiex in-numru ta' membri fuq il-bord ikun komplet.

Il-ħidma ta' din is-sena ġiet fi tmiemha u s-sena li ġejja qed issejħilna għal aktar xogħol u sfidi.

# Appendiċi

**Appendiċi A**

## Rapport Finanzjarju

### Analiżi Statistika tal-Partita Nru 5477
### Kummissjoni Vjolenza Domestika
### sal-31.12.07

| | | | Lm c | € c |
|---|---|---|---|---|
| **Baġit** | | | **10,000.00** | **23,293.73** |
| **Dettalji** | **Ammont Imħallas** Lm c | **Ammont Imħallas** € c | | |
| Kampanja | 710.37 | 1,654.72 | | |
| Donazzjoni | 2,088.50 | 4,864.90 | | |
| Onorarja 2006 | 4,770.83 | 11,113.04 | | |
| Librerija | 776.05 | 1,807.71 | | |
| Attrezzament ta'l-uffiċċju | 1,117.14 | 2,602.24 | | |
| Kartolerija | 55 | 128.12 | | |
| Varji | 221.45 | 515.84 | | |
| | | | 9,739.34 | 22,686.56 |
| | **Bilanċ li baqa'** | | **260.66** | **607.17** |

**Appendiċi B**

# Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika

## Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz

## Funzjonijiet

## Preambolu:

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika tirrikonoxxi l-forum eżistenti għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika li jiltaqa' fuq bażi regolari sabiex jiddiskuti aspetti diversi f'dan il-qasam inkluż sfidi li jiltaqgħu magħhom kemm minn dawk in-nies li jagħmlu użu mis-servizz kif ukoll il-ħaddiema li jaħdmu direttament magħhom. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-valur li l-Forum dwar il-Vjolenza Domestika għandu fl-iżvilupp tas-settur. Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz mhuwiex intiż sabiex jieħu post jew inkella jirrepeti x-xogħol ta' dan il-Forum.

## Funzjonijiet:

1. Sabiex jjiżguraw l-kuntatt kontinwu u l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-qasam tal-vjolenza domestika.

2. Sabiex jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar miżuri biex jirregolaw u jħarsu linji gwida ta' prattika.

3. Sabiex jiffaċilitaw l-kuntatt bejn il-ħaddiema fil-qasam u, fuq livell aktar wiesgħa, sabiex jitkabbar il-valur tad-djalogu bejn il-ħaddiema fis-settur tal-vjolenza domestika u ħaddiema oħrajn f'oqsma relatati.

4. Sabiex it-tħassib u l-interessi ta' dawk in-nies li jagħmlu użu mis-servizz jgħaddu lill-Kummissjoni.

5. Sabiex jiżguraw li dawk in-nies li jagħmlu użu mis-servizz ikunu kkonsultati u rappreżentati kif jixraq fil-proposti dwar l-iżvilupp tal-linji ta' politika u tas-servizz li jiġu mressqa mill-Kummissjoni.

6. Sabiex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar ħtiġijiet ta' riċerka u taħriġ li jkunu relatati mas-settur tal-vjolenza domestika

## Struttura:

*Chairperson*:

- Nominat mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika. Idealment, il-persuna nominata għandu jkollha l-esperjenza neċessarja fil-qasam tal-ħidma soċjali.

Membri:

- Membru tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika. Kif intqal hawn fuq, il-persuna nominata għandu jkollha l-esperjenza neċessarja fil-qasam tal-ħidma soċjali.

- Membru tal-i*staff* ta' l-Aġenzija Appoġġ (Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali). Fil-preżent il-persuna nominata għandha tkun responsabbli mit-tmexxija tas-Servizzi dwar il-Vjolenza Domestika.

- Membru tal-i*staff* tas-Servizzi dwar il-Vjolenza Domestika ta' l-Aġenzija Appoġġ (Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali).

- Ħaddiem Soċjali fil-qasam nominat mill-Ministeru għal Għawdex.

- Persuna li qed tagħmel użu mis-servizz bħalissa jew li kienet tagħmel użu minnu qabel.

- Persuna rappreżentativa ta' NGO fil-qasam tal-vjolenza domestika

- Persuna rappreżentativa ta' NGO fil-qasam tal-vjolenza domestika

- Persuna rappreżentativa ta' NGO fil-qasam tal-vjolenza domestika

## Laqgħat/loġistika/rapporti:

- Is-Sottokumitat jista' jiltaqa' skond il-ħtieġa, madankollu, mhux inqas minn darba kull tliet xhur.

- Is-Sottokumitat għandu jiddeċiedi dwar *quorum* u dwar proċeduri oħrajn.

- Jekk ikun hemm il-ħtieġa, il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika għandha tipprovdi kwalunkwe għajnuna amministrattiva li jkun meħtieġ.

- Ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sottokumitat lill-Kummissjoni għandhom isiru bil-miktub.

- Iċ-*Chairperson* (tas-Sottokumitat) huwa mistenni li jippreżenta rapporti dwar il-progress (verbali u/jew bil-miktub) lill-Kummissjoni fuq bażi regolari.

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz**

**Rapport Annwali Marzu 07 – Marzu 08**
Cornelius Mulvaney Dip. Family Therapy (London); CQSW (UK)

Fil-laqgħa tagħha tas-16 ta' Jannar 2007 il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika kienet iddeċidiet li twaqqaf is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz li kellu jkun magħmul minn żewġ membri tal-Kummissjoni bil-kumplament tal-membri jkunu minn oqsma konnessi ma' servizzi rilevanti. Il-funzjonijiet ta' dan is-Sottokumitat jkopru żewġ funzjonijiet tal-Kummissjoni, li huma 'l-linji gwida ta' prattika' u 'l-iffaċilitar tal-komunikazzjoni bejn dawk kollha li jaħdmu fil-qasam'.

Dan is-Sottokumitat huwa magħmul mill-membri li ġejjin:

Dr Marceline Naudi (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) - *Chairperson*
Is-Sinj Caroline Azzopardi (Dar Qalb ta' Ġesu')
Is-Sinj Doreen Camilleri (*Service Area Leader DVS*, Appoġġ)
Is-Sinj Sandra Falzon (*Ex-service user*)
Is-Sur Cornelius Mulvaney (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Is-Sur Peter Paul Portelli (Ċentru Ħidma Soċjali, Għawdex)
Is-Sinj Josepha Xerri (Dar Tereża Spinelli)
Is-Sinj Pamela Demicoli (Dar Merħba Bik)
Is-Sinj Doris Vassallo (Segretarja)

Is-Sottokumitat iltaqa' ħames darbiet fl-20 ta' Marzu 2007, fit-22 ta' Mejju 2007, fl-24 ta' Lulju 2007, fil-11 ta' Settembru 2007, fit-13 ta' Novembru 2007 u fil-15 ta' Jannar 2008, bi frekwenza ta' laqgħa ta' sagħtejn kull xahrejn, b'laqgħa minnhom issir f'Għawdex.

Fil-laqgħat tqajmu diversi sfidi li jmissu mal-qasam tal-vjolenza domestika inkluż, per eżempju, in-nuqqas ta' diversi riżorsi f'Għawdex.

Ir-rappreżentanti iddiskutew u ħadmu fuq diversi kwistjonijiet relatati ma' linji gwida ta' prattika u man-nisġa ta' komunikazzjoni, inkluż dan li ġej:

**a. Linji gwida ta' prattika**

- Il-ħtieġa ta' sistema ta' sostenn għall-i*staff* li jaħdmu f'dan il-qasam fejn ikunu jistgħu jiddiskutu dwar metodi tax-xogħol, l-effett tax-xogħol fuqhom.

- Kif persuni li jsofru minn abbuż isiru jafu aktar dwar is-servizzi eżistenti li jistgħu jagħmlu użu minnhom, u kif u fejn jistgħu jsibu kenn f'każ ta' emerġenza, kif ukoll dwar kif il-Liġi dwar il-Vjolenza Domestika tista' tiftiehem aħjar.
- Nuqqas ta' impjegati li jwassal għall-limitu ta' kemm ikunu jistgħu jiġu ttrattati każijiet u għal possibiltà ta' tnaqqis fil-livell tas-servizz offrut.
- Il-ħtieġa ta' aktar persuni mħarrġa fil-qasam sabiex jaħdmu ma' l-awturi ta' vjolenza.
- It-twaqqif ta' taqsima speċjalizzata fl-Iskwadra ta' kontra l-Vizzji tal-Pulizija sabiex il-pulizija u l-ħaddiema soċjali jkunu jistgħu jaħdmu aktar qrib ta' xulxin.
- In-nuqqas ta' importanza li l-avukati jagħtu lir-rapporti miktubin minn ħaddiema soċjali.
- Il-faċilitajiet ta' kura ġew diskussi u analizzati fil-kuntest tal-ħtiġijiet u l-i*standards* ta' l-UE. Saru żjarat fid-diversi Xelters f'Malta u Għawdex u ngħataw preżentazzjonijiet fuq kull waħda bl-għan li jsir magħruf x'kienu jeħtieġu aktar sabiex jilħqu l-i*standards* ta' l-UE, b'attenzjoni speċjali għas-sigurtà, il-ħarsien, it-tfal u s-sostenn.
- It-titjib tal-faċilitajiet fix-Xelters.
- Preżentazzjonijiet fuq kull Xelter.
- Il-bżonn ta' liġi li tirregola l-Vjolenza Domestika tkun aktar faċli biex tinftiehem.
- Kooperazzjoni mad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali dwar it-twaqqif ta' *Standards* għal Ċentri tal-Kura għat-Tfal u Kura Residenzjali għat-Tfal u biex wieħed jara kif dawn jistgħu jiġuużati biex ikunu mfassla l-I*standards* fir-rigward tal-Vjolenza Domestika.

## b. Komunikazzjoni bejn dawk li jaħdmu f'dan il-qasam

- Id-diffikultà biex tinkiseb kooperazzjoni sħiħa minn entitajiet oħrajn li jittrattaw każijiet ta' vjolenza domestika, bħall-pulizija, avukati, psikjatri u tobba tal-familja.
- Kwistjonijiet, tmexxija u sistemi tal-Qorti.
- Sabiex it-tħassib u l-interessi ta' dawk li jagħmlu użu mis-servizz jgħaddu lill-Kummissjoni
- Tiżdied il-komunikazzjoni bħala riżultat taż-żjarat li saru fix-Xelters f'Malta u Għawdex.

## c. Rakkomandazzjonijiet

- Li jinkitbu artikli fuq is-suġġett minn diversi membri sabiex jidhru fil-gazzetti lokali bħala parti mill-Kampanja tal-Kummissjoni.

- Li jsiru intervisti man-nisa bl-għan li jinkisbu l-opinjonijiet tagħhom dwar dak li jgħaddu minnu meta jinqabdu fix-xibka tal-vjolenza domestika; li jinkisbu l-istejjer tan-nisa li ġew abbużati, bl-għan li wieħed janalizza xi tkun it-tip ta' l-abbuż u kemm hi iebsa t-triq li minnha normalment iridu jgħaddu n-nisa sabiex issir ġustizzja magħhom.
- Sabiex ir-rappreżentanti tax-Xelters jirriflettu u jiktbu fuq linji gwida ta' prattika fid-djar tagħhom.
- Li ssir ħidma fuq *standards* komuni li jinvolvu x-Xelters.
- Li nħeġġu attitudni pożittiva fejn kulħadd jaħdem għal għan wieħed.

**Appendiċi Ċ**

# Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika

## Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-*Data*

## Funzjonijiet

## Preambolu:

Bħala riżultat ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika 2006, il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika għandha tagħti parir lill-Ministru fuq l-aspetti kollha tal-vjolenza domestika inkluża l-kwistjoni tar-riċerka u ġbir tad-*data*. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li jkollha riċerka disponibbli li permezz tagħha jista' jkollha stampa aktar sħiħa tas-sitwazzjoni lokali fir-rigward tal-vjolenza domestika. Għal dan il-għan, qed jitwaqqaf dan is-Sottokumitat sabiex jiffoka fuq dan l-aspett speċifiku tal-vjolenza domestika.

## Funzjonijiet:

1. Sabiex jiġu identifikati oqsma ta' vjolenza domestika li dwarhom ir-riċerka hija meħtieġa u bżonnjuża.

2. Sabiex isiru l-indiċi u r-reġistrazzjoni tar-riċerka lokali eżistenti dwar il-vjolenza domestika.

3. Sabiex jiġu identifikati lakuni u jsir sforz ħalli jinstabu mezzi kif dawn jiġu indirizzati.

4. Sabiex jinħoloq u jiġi żviluppat pjan komprensiv u koordinat għal-ġbir tad-*data* dwar il-vjolenza domestika, u tintuża metodoloġija li biha tkun tista' ssir analiżi skond is-sess u paragun ma' pajjiżi membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa, ta' l-UE u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn. Dan għandu jinkludi l-ġbir sistematiku ta' informazzjoni mqassma skond is-sess, it-tip ta' vjolenza kif ukoll skond it-tip ta' relazzjoni li l-awtur tal-vjolenza jkollu mal-vittma fl-oqsma kollha (b'kollaborazzjoni ma' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika). Għandu wkoll jinkludi l-kollezzjoni u t-tqassim ta' prattiċi tajba sabiex tiġi evitata l-vjolenza fil-familja jew fid-dar tal-familja, billi jkunu mħarsa dawk li jesperjenzaw il-vjolenza domestika u jitressqu l-qorti l-awturi tal-vjolenza.

5. Sabiex id-*data* tkun disponibbli għall-użu mill-Kummissjoni, mill-qrati, mill-prosekuturi, mill-ħaddiema soċjali u minn aġenziji u entitajiet oħrajn b'mod li tkun protetta l-identità tal-vittmi tal-vjolenza domestika.

6. Li jkun hemm kuntatti ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali sabiex ikun jista' jwettaq aħjar il-funzjonijiet tiegħu.

## Struttura:

Chairperson:

- Nominat mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika. Idealment, il-persuna nominata għandu jkollha l-għarfien u l-esperjenza neċessarja fil-qasam tar-riċerka.

Membri:

- Membru tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika. Kif intqal hawn fuq, idealment il-persuna nominata għandu jkollha l-għarfien u l-esperjenza neċessarja fil-qasam tar-riċerka.
- Membru ta' l-istaff tal-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali.
- Rappreżentant mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.
- Rappreżentant mill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.
- Rappreżentant mit-Taqsima ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Informazzjoni, MFSS fir-rigward ta' żvilupp fis-software.
- Rappreżentant mill-Korp tal-Pulizija għar-rigward ta' rrekordjar ta' inċidenti.
- Rappreżentant mis-Settur tas-Saħħa
- Rappreżentant mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

## Laqgħat/loġistika/rapporti:

- Is-Sottokumitat jista' jiltaqa' skond il-ħtieġa, madankollu, mhux inqas minn darba kull tliet xhur.
- Is-Sottokumitat għandu jiddeċiedi dwar *quorum* u dwar proċeduri oħrajn.
- Jekk ikun hemm il-ħtieġa, il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika għandha tipprovdi kwalunkwe għajnuna amministrattiva li jkun meħtieġ.
- Ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sottokumitat lill-Kummissjoni għandhom isiru bil-miktub.
- Iċ-*Chairperson* (tas-Sottokumitat) huwa mistenni li jippreżenta rapporti dwar il-progress (verbali u/jew bil-miktub) lill-Kummissjoni fuq bażi regolari.

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-*Data***

**Rapport Annwali  Marzu 07 – Marzu 08**
Albert Bell BA (Gen), BA (Hons), MA

Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-*Data* twaqqaf f'Settembru 2007, bl-għan prinċipali li jiġu standardizzati l-isforzi ta' ġbir tad-*data* fis-settur, u barra minn hekk, biex ikunu mfassla u identifikati metodi li jwasslu għall-iżvilupp ta' għejjun xjentifika ta' għarfien biex isservi bħala bażi ta' informazzjoni kemm għall-proviżjon ta' servizz kif ukoll għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika dwar il-vjolenza domestika. Is-Sottokumitat huwa magħmul mill-membri li ġejjin:

Is-Sur Albert Bell – (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) – *Chairperson*
Dr Marceline Naudi – (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Dr Maja Miljanic Brinkworth (MSP)
Is-Sinj Joslyn Magro Cuschieri (NSO)
Insp. Trevor Sammut (Pulizija)
Is-Sinj Christine Marchand Agius (FSWS)
Is-Sur Massimo Vella (IMU, MSP)
Dr Maria Dalmas (MHEC)
Is-Sur Francis Xavier Mangion (Qrati tal-Ġustizzja)
Is-Sinj Doris Vassallo (Segretarja)

L-istruttura tas-Sottokumitat, li hija waħda multi-dixxiplinarja u magħmula minn diversi dipartimenti differenti, tirrifletti l-impenn ta' diversi partijiet interessati biex il-prattiċi preżenti ta' ġbir u analiżi tad-*data* dwar il-vjolenza domestika jsiru aktar effiċjenti u biex tiġi żviluppata strateġija ta' ġbir ta' informazzjoni fis-settur li tkun waħda koerenti, miftehma u li tittratta diversi aspetti.

Minn meta twaqqaf is-Sottokumitat iltaqa' erba' darbiet fid-dati li ġejjin: Il-Ħamis, 20 ta' Settembru 2007, il-Ġimgħa 19 ta' Ottubru 2007, it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2007 u l-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2008. Kull laqgħa damet sejra madwar sagħtejn. Il-postijiet fejn saru l-laqgħat kienu l-*boardroom* ta' l-IMU, iċ-Ċentru ta' Taħriġ ta' l-IMU fil-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali(MFSS) u l-uffiċċju l-gdid tal-Kummissjoni f'Beltissebħ, il-Floriana.

L-ewwel żewġ laqgħat tas-Sottokumitat iffokaw prinċipalment fuq l' identifikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tas-Sottokumitat mifrux fuq perjodu ta' żmien. F'dan ir-rigward ġew stabbiliti tliet prijoritajiet prinċipali, li huma:

a. l-istandardizzazzjoni ta' prattiċi ta' ġbir ta' informazzjoni amministrattiva eżistenti u l-iżvilupp ta' definizzjoni koerenti ta' vjolenza domestika sabiex tgħin f'dawn l-isforzi;

b. l-iżvilupp ta' *data* dwar il-prevalenza tal-vjolenza domestika; u

c. it-twettiq ta' studji evalwattivi fuq is-servizz fis-settur biex jiġu stabbiliti indikaturi ta' l-aħjar prattika.

Is-Sottokumitat diġà daħal b'mod proattiv fil-proċess li jidentifika miżuri konkreti għat-twettiq ta' dawn il-prijoritajiet.

Fir-rigward ta' l-istandardizzazzjoni tal-prattiċi ta' ġbir ta' informazzjoni amministrattiva, is-Sottokumitat għamel tentattiv preliminari biex jeżamina s-sitwazzjoni ta' l-istrutturi tad-*data* eżistenti relatati mas-servizz. Dan l-eżerċizzju reġa' kkonferma li waqt li kemm id-Dipartiment tas-Saħħa kif ukoll il-Qrati tal-Ġustizzja huma sorsi ta' informazzjoni korrelatati importanti, il-Pulizija ta' Malta kif ukoll dawk l-entitajiet statutorji u mhux statutorji li jipprovdu is-servizzi fil-preżent huma l-għejjun prinċipali għal informazzjoni marbuta ma' l-istatistika. Per eżempju l-Appoġġ, l-aġenzija nazzjonali li tipprovdi is-servizzi dwar il-vjolenza domestika tiġbor u tippubblika *data* relatata, inkluż in-"numru ta' każijiet", (fost l-oħrajn tirrapporta każijiet ġodda, każijiet *on going* u każijiet magħluqa), tip ta' abbuż u *referrals*, fuq bażi regolari. Xelters fis-settur volontarju jżommu l-istatistiċi dwar is-servizz li jagħtu waqt li jżommu nota tar-*referrals* u l-frekwenza tad-dħul fuq bażi regolari. Min-naħa l-oħra r-rekords tal-pulizija juru l-frekwenza tar-rapporti dwar vjolenza domestika għal kull lokalità. L-isfida fis-settur f'dan ir-rigward hija li jkun żgurat li dawn is-sorsi ta' informazzjoni jkunu organizzati tajjeb sabiex ikunu jistgħu jsiru aktar paraguni u rapporti aktar eżatti u f'waqthom. Huwa previst li għal quddiem is-Sottokumitat se jkun qed jipproduċi proposta, dwar il-miżuri meħtieġa għall-istandardizzazzjoni ta' *data* amministrattiva, inkluż per eżempju, l-iżvilupp ta' sistema ta' *software* komuni bejn l-aġenziji.

Madankollu, is-Sottokumitat jirrikonoxxi li r-rapport tal-pulizija dwar il-vjolenza domestika u d-*data* amministrattiva tas-servizz jagħtu biss stampa parzjali tar-realtà tal-vjolenza domestika f'Malta. Il-vittimi tal-vjolenza domestika jistgħu jkunu qed jgħaddu minn din ir-realtà fis-skiet u mingħajr ma jirrikorru għad-diversi servizzi offruti f'Malta. Barra minn hekk, ġeneralment li wieħed jirrapporta każ ta' vjolenza domestika lill-pulizija tkun l-aħħar għażla. F'dan ir-rigward, nistgħu għalhekk nitkellmu dwar ċifra "moħbija" jew "mhux magħrufa" ta' vjolenza domestika. Din tista' tiġi ndirizzata aħjar permezz ta' stħarriġ dwar il-prevalenza tal-vjolenza domestika li jkun ibbażat fuq *survey* nazzjonali. Huwa fi ħdan il-qafas ta' din ir-realtà soċjali li, mill-bidunett tat-twaqqif tiegħu, is-Sottokumitat ipprijoritizza l-iżvilupp ta' proposta għal stħarriġ dwar il-prevalenza tal-vjolenza domestika bħala l-punt prinċipali tal-missjoni tiegħu fl-immedjat. Sussegwentement, saret proposta għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ dwar il-prevalenza tal-vjolenza domestika, bl-għajnuna ta' esperti mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Din il-proposta ġiet diskussa u mgħoddija lill-Kummissjoni għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tagħha.

Fix-xhur li ġejjin prijorità prinċipali għas-Sottokumitat għandha tkun il-kisba ta' aktar suċċess fl-istandardizzazzjoni ta' sorsi ta' informazzjoni ta' rutina u ta' studji ta' evalwazzjoni tas-servizz. Madankollu, minħabba l-importanza ta' studju ta' prevalenza

fis-settur, fil-futur qrib l-isforzi tas-Sottokumitat se jiffokaw fuq it-twettiq ta' dan l-istudju importanti, li jekk jiġi irrealizzat, żgur li se jsaħħaħ l-għarfien tagħna dwar il-prevalenza tal-fenomenu tal-vjolenza domestika fil-Gżejjer Maltin fi ħdan qafas komparattiv pan-Ewropew. Għandhom ukoll jiġu kkunsidrati attivament possibiltajiet għat-twettiq ta' studji relattati (inkluż studju li jibni fuq dak li sar mill-NSO ta' l-2003 "*Domestic Violence against Women: Perceptions of the Maltese General Public*") fi sforz sabiex tiġi żgurata strateġija ta' riċerka li tittratta diversi aspetti tal-vjolenza domestika f'Malta.

## Appendiċi D

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Sottokumitat għal Kampanja Nazzjonali ta' Għarfien**

**Rapport Annwali Marzu 07 Frar 08**
Dr Roberta Lepre' Camilleri B.A. LL.D

Is-Sottokumitat għal Kampanja Nazzjonali ta' Għarfien twaqqaf f'Ottubru 2007. Peress illi waħda mil-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika hija t-tkabbir tal-konoxxenza għaċ-ċittadini, il-Kummissjoni ħasset li kien ikun xieraq li jitwaqqaf Sottokumitat li jkun jista' jiffoka fuq dan l-aspett.

Is-Sottokumitat huwa magħmul minn:

Dr Roberta Lepre' Camilleri, (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) -*Chairperson*
Is-Sinj Sara Bianchi, (*Marketing Executive* FSWS)
Is-Sinj Doriana Bezzina, (*Communications Coordinator*, MFSS)
Sr Joan Garner, (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Is-Sinj Doris Vassallo (Segretarja)

Is-Sottokumitat iltaqa' sitt darbiet fl-10 ta' Ottubru 2007, fl-24 ta' Ottubru 2007, fl-14 ta' Novembru 2007, fil-21 ta' Novembru 2007, fl-10 ta' Diċembru 2007 u fis-17 ta' Jannar 2008. Kull laqgħa damet madwar sagħtejn u l-laqgħat kollha saru fi Blokk C, Beltissebħ, Floriana.

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika riedet li l-kampanja tkun Kampanja Nazzjonali u dan rifless mill-mod kif inhu kompost is-Sottokumitat. L-għan tal-Kummissjoni huwa li taħdem flimkien ma' l-entitajiet li jipprovdu s-servizzi lill-dawk li kellhom esperjenza ta' vjolenza domestika. Billi l-kampanja tista' tattira numru ta' każijiet li jiġu riferuti, u li d-*Domestic Violence Unit* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ tkun trid tittratta magħhom, kien importanti li l-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali tkun rappreżentata fuq dan is-Sottokumitat.

L-attivitajiet li organizza s-Sottokumitat f'Novembru 2007 **sabiex ifakkar il-Jum Internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa** kienu**:**

a. Kompetizzjoni ta' l-arti bl-isem ta' '*Portray a Home without Violence*'. Din il-kompetizzjoni giet organizzata għall-istudenti bejn l-età ta' 8 snin u 16-il sena b'kollaborazzjoni mat-Taqsima Edukattiva Demokrazija u Valuri fi ħdan id-

Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. L-attività ta' l-għoti tal-premjijiet tal-kompetizzjoni lill-istudenti saret it-Tnejn 26 ta' Novembru 2007 fil-bitħa interna tal-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. L-Onor. Ministru Dolores Cristina ippreżentat il-premjijiet lill-istudenti. Kien hemm ukoll preżenti is-Sinj Gemma Mifsud Bonnici, *Chairperson* tal-*Malta Vodafone Foundation*, li kienu wieħed mill-i*sponsors* prinċipali. L-i*sponsors* l-oħrajn kienu *Tutto Sport* u *Agenda Bookshop*. It-tpinġijiet ta' l-istudenti ġew iġġudikati mis-Sinj Josephine Vassallo, *Education Officer* fi ħdan it-Taqsima Edukattiva Demokrazija u Valuri fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, mis-Sur Cornelius Mulvaney mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, li kien ukoll iċ-*Chairperson*, mis-Sur Louis Xuereb mill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u mis-Sinj Antoinette Gatt Rutter mid-*Domestic Violence Unit*, Aġenzija Appoġġ.

b. Artikli miktuba għad-diversi gazzetti sabiex ikun imfakkar il-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa:

- '***The Many Shades of Domestic Violence'*** minn Dr Marceline Naudi, *Malta Today* fil-25 ta' Novembru 2007.
- **'Rimedji aktar xierqa'** minn Dr Roberta Lepre' Camilleri, il-Mument fil-25 ta' Novembru 2007.
- **'Ir-Realtà tal-Vjolenza Domestika'** mis-Sur Albert Bell, Illum fil-25 ta' Novembru 2007.
- **'L-Ebda Toleranza ghall-Vjolenza'** artiklu speċjali dwar ix-Xelters f'Malta u Għawdex, b'kollaborazzjoni tad-diversi Xelters u l-Aġenzija Appoġġ, Live, it-Torca, mill-ġurnalista s-Sinj Michelle Lia fil-25 ta' Novembru 2007.
- ***'No Tolerance of Domestic Violence'*** mill-Onor Ministru Dolores Cristina, *The Sunday Times*, fit-2 ta' Diċembru 2007.
- **'Wara l-vjolenza; imdawra b'nies li jirrispettawni'** intervista ma' persuna li kienet użat is-servizz u artiklu speċjali dwar Xelters f'Malta, Live, it-Torca, mill-ġurnalista s-Sinj Michelle Lia fit-2 ta' Diċembru 2007.
- '**Ilsiera**' intervista ma' Dr Marceline Naudi fuq l-Orizzont mill-ġurnalista s-Sur Gaetano Micallef fit-3 ta' Diċembru 2007.

c. Iċ-*Chairperson* u membri tal-Kummissjoni ħadu sehem f'diversi programmi bħala parti mill-attivitajiet sabiex ikun imfakkar il-Jum Internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa. Dawn kienu jinkludu:

- Il-parteċipazzjoni fuq il-programm tar-radju Familja Waħda fuq il-PBS ospitat mis-Sinj Lilian Maistre, it-Tlieta 20 ta' Novembru 2007 u t-Tlieta 27 ta' Novembru 2007 (Dr Marceline Naudi).

- Il-parteċipazzjoni fuq programm tar-radju Bejnietna fuq l-RTK ospitat mis-Sinj Sonia Young, il-Ħamis 22 ta' Novembru 2007 (Is-Sur Albert Bell).

- Il-parteċipazzjoni fuq programm ta' ġrajjiet kurrenti fuq Radju Malta permezz ta' Intervista bit-telefown mis-Sur Joe Dimech, it-Tnejn 26 ta' Novembru 2007 (Dr Roberta Lepre' Camilleri)

- Il-parteċipazzjoni fuq programm televiżiv Sellili fuq Net Television ospitat mis-Sinj Claudette Pace, it-Tlieta 27 ta' Novembru 2007 (Dr Marceline Naudi).

Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali u l-Ministeru, organizzat il-'*Malta White Ribbon Campaign'*. Din il-kampanja tissimbolizza l-pożizzjoni ta' l-irġiel kontra l-vjolenza ta' l-irġiel fuq in-nisa. It-Tnejn 26 ta' Novembru 2007 filgħaxija qabel ma daħlu l-Parlament il-membri parlamentari ingħataw żigarella bajda mis-Sur Peppi Azzopardi u s-Sur Daniel Caruana, f'isem il-personalitajiet tal-*media* u mis-Sur Joe Gerada CEO, Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali. Kienu preżenti wkoll is-Sinj Antonia Micallef u s-Sinj Claudette Baldacchino. Il-Kampanja baqgħet sejra għal perjodu indefinit flimkien ma' attivitajiet oħrajn. Intbagħtu wkoll żigarelli bojod lill-Kapijiet tal-Programmi sabiex jintlibsu fuq it-televixin fil-ġurnata. Matul ix-xaħar ta' Jannar 2008, intbagħtu *posters* u *bookmarks* relatati mal-*Malta White Ribbon Campaign* lill-Kunsilli Lokali kollha madwar Malta u Għawdex sabiex jitqassmu lill-pubbliku in ġenerali. F'Marzu 2008 materjal ta' kampanja tqassam ukoll lill-Kliniki tas-Saħħa għall-użu mill-impjegati u mill-pubbliku li jagħmel użu mis-servizzi tagħhom.

Xogħol ieħor li għamel is-Sottokumitat kien jinkludi:

- It-tqassim ta' fuljetti lill-membri tal-Parliament maħruġ mill-Kunsill ta' l-Ewropa għall-parlamentari dwar il-Kampanja tagħha għall-ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa, inkluża l-Vjolenza Domestika organizzata mill-Kunsill ta' l-Ewropa għal membri tal-Parlament.

- Kampanja ta' Għarfien permezz tal-*Bus Shelters* tnediet fis-07 ta' Jannar 2008 f'Pembroke mill-Kummissjoni bil-kollaborazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Din il-kampanja kienet ibbażata fuq il-kampanja tal-Kunsill ta' l-Ewropa sabiex tiġġieled il-Vjolenza fuq n-Nisa inkluża l-Vjolenza Domestika. Il-Kampanja baqgħet għaddejja matul ix-xahar ta' Jannar madwar Malta u Għawdex. Intbagħtu fuljetti dwar il-Kampanja lill-Kunsilli Lokali kollha madwar Malta u Għawdex sabiex min-naħa tagħhom dawn iqassmuhom lill-pubbliku.

- Artiklu *Violent Homes* ppubblikat fis-*Sunday Circle* f'Jannar 2008. Dan l-artiklu nkiteb mis-Sinj Sandy Calleja Portelli u fih investigat għaliex, għal xi wħud, darhom hija post perikoluż biex jgħixu fiha.

- Ċerimonja li saret l-Erbgħa 30 ta' Jannar 2008 tal-preżentazzjoni tad-Donazzjoni lix-Xelters. Id-donazzjoni ntużat mix-Xelters sabiex jiksbu oġġetti li setgħu jintużaw min-nisa li jgħixu hemmhekk sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom.

Programmi oħrajn minn fuq il-mezzi tax-xandir li fihom iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Kummissjoni ħadu sehem permezz tal-kuntatti mis-Sottokumitat jinkludu:

- Parteċipazzjoni fil-Programm Bondiplus fuq TVM it-Tlieta 27 ta' Frar 2007 (Dr Roberta Lepre' Camilleri).
- Parteċipazzjoni fil-programm KontraKurrent fuq *Campus FM* li xxandar l-Erbgħa 30 ta' Mejju 2007 fl-10.06 ta' filgħodu u rripetut is-Sibt 2 ta' Ġunju 2007 fil-11.06 ta' filgħodu (Is-Sur Albert Bell and Dr Marceline Naudi).
- Parteċipazzjoni fuq programm tar-radju tal-PBS ospitat mis-Sinj Susan Mulvaney is-Sibt 25 ta' Awissu 2007 (Dr Marceline Naudi).
- Parteċipazzjoni fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti *Newsline* fuq Radju Malta permezz ta' Intervista bit-telefown mis-Sur Joe Dimech, it-Tlieta 9 ta' Ottubru 2007 (Dr Marceline Naudi).
- Parteċipazzjoni fil-*Walkathon Women 4 women* organizzata mill-*MTStyle Clinic* il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru 2007 (Dr Marceline Naudi u Dr Roberta Lepre' Camilleri).
- Parteċipazzjoni fil-programm tar-radju Familja Waħda ospitat mis-Sinj Lilian Maistre fuq Radju Malta, it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2007. (Dr Roberta Lepre' Camilleri)
- Parteċipazzjoni fil-programm Xarabank ospitat mis-Sur Peppi Azzopardi fuq TVM fl-4 ta' Jannar 2008 (Dr Marceline Naudi)
- Parteċipazzjoni fuq Sellili ospitat mis-Sinj Claudette Pace fuq NET TV it-Tlieta 8 ta' Jannar 2008 ( Dr Marceline Naudi)
- Intervista mis-Sur Saviour Balzan għall-programm *Reporter* li xxandret fuq TVM il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2008 ( Dr Marceline Naudi).
- Parteċipazzjoni fil-programm Xarabank ospitat mis-Sur Peppi Azzopardi fuq TVM il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2008 (Dr Marceline Naudi u l-Ispettur Louise Calleja)

Barra dan, is-Sottokumitat inkluda l-pjanijiet tiegħu għal aktar attivitajiet ta' tkabbir ta' l-għarfien li għandhom jitmexxew fuq livell nazzjonali fl-applikazzjoni tal-Kummissjoni għal fondi mill-UE permezz tal-Fond Soċjali Ewropew li hija ssottomettit fit-22 ta' Frar 2008. Jekk din it-talba għal fondi tintlaqa' b'suċċess il-Kummissjoni tkun tista' tmexxi aktar attivitajiet ta' tkabbir ta' l-għarfien fost il-professjonisti u ċ-ċittadini in ġenerali, sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-atturi kollha u tippromwovi kultura ta' 'tolleranza zero' għall-vjolenza domestika fost il-popolazzjoni ta' Malta.